# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

DIĊEMBRU 2002 • IT-22 SENA • GĦADD 225 • NEWSPAPER POST



*Il-Milied it-Tajjeb*

# Werrej


| | |
|---|---|
| 3 | **Inti Stilla?**<br>*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap* |
| 4 | **Il-Presepju ta' Luqa**<br>*minn P. Donat Spiteri OFMCap* |
| 6 | **Teleskopju fuq il-Ħajja**<br>*minn P. William Axiaq OFMCap* |
| 8 | **Marija Immakulata**<br>*minn P. Martin Mamo OFMCap* |
| 9 | **Miss Universe**<br>*minn Maria Farrugia* |
| 10 | **Aħbarijiet mill-Kenja** |
| 12 | **Nitkellmu ma' P. Remiġ Galea**<br>*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap* |
| 13 | **Patri Piju**<br>**Bniedem ta' Talb u ta' Tbatija**<br>*minn Kan. Jos. Bonello* |
| 14 | **It-Talb tal-Profeta**<br>*minn P. Frans Abela OFMCap* |
| 15 | **Qaddisin Franġiskani fil-Filatelija**<br>*minn P. Martin Micallef OFMCap* |
| 19 | **Tweġiba**<br>*minn P. William Axiaq OFMCap* |
| 20 | **Kuba u l-istorja tagħha (12)**<br>**Il-Proġett Varela (1)**<br>*minn P. Philip Cutajar OFMCap* |
| 22 | **Il-Milied Veru**<br>*minn Elaine Abela Gi.Fra.* |
| 23 | **Aħbarijiet Kapuċċini** |
| 25 | **Mill-Ittri tal-Qarrejja** |
| 26 | **Sawl - Bniedem Tellief**<br>*minn Mons. Lawrenz Sciberras* |
| 27 | **Tisliba** *minn P. Wistin Attard OFMCap* |
| 28 | **Il-Ġrajja Vokazzjonali tiegħi**<br>*minn Anthony Fitzpatrick - Post. Cap.* |
| 29 | **Werrej Ġenerali 2002** |























DAWL FRANĠISKAN

**DIĊEMBRU 2002**
**It-22 sena • Għadd 225**




**Qoxra 1:**
***It-Twelid ta' Ġesù.***
***Pietro di Cristoforo Vannucci (Perugino)***
***Collegio del Cambio, Perugia.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland ofs
Ruth Delia gi.fra.
Noel Pace



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

## Editorjal

minn Fr. Joe Alessandro OFMCap

# Inti Stilla?

F'dawn il-ġranet, li fihom dħalna f'atmosfera tal-Festi tal-Milied, l-istilel huma komuni ħafna. Ifakkruna fl-istilla li ddiet fis-sema u mexxiet lill-Maġi biex setgħu isibu lit-tarbija Ġesù.

L-istilel fis-sema ma jidhrux biss f'dan iż-żmien imma matul is-sena kollha, sakemm ma jgħattihomx is-sħab.

Iżda l-istilel mhumiex biss fis-sema, imma wkoll fuq l-art. Mhux l-ewwel darba li nisimgħu lil xi ħadd jgħid: "Dak stilla!" jew "Dik stilla!" Dan ifisser li dik il-persuna tkun qed tibbrilla f'xi qasam jew ieħor tal-ħajja, bħal per eżempju f'xi studji, fil-kant, fl-isports, fit-teknika, fil-kitba jew f'xi qasam ieħor. F'kelma waħda tkun stilla tfisser tkun tispikka fuq l-oħrajn.

Meta xi ħadd jispikka fil-ħajja, ħafna drabi jsir mudell u allura jkollu min jammirah u jipprova jikkupjah u jimxi warajh.

Li tkun stilla hija xi ħaġa sabiħa u ta' min irodd ħajr lill-Mulej li jkun għamlek hekk. Iżda, fl-aħħar mill-aħħar, kull wieħed u waħda minna rridu nkunu stilla, fis-sens li bħala nsara aħna msejħin biex inkunu dawl għal xulxin: "Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-modd, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. I lekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet' (Mt 5, 14-16).

Din kienet is-silta li l-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Lulju li għadda, għażel u stieden liż-żgħażagħ biex jirriflettu fuqha għal matul din is-sena li waslet biex tintemm. Aħna lkoll - mhux iż-żgħażagħ biss - aħna msejħin li nkunu ta' dawl għall-oħrajn bl-eżempju u bil-ħajja kollha tagħna.

Ġesù ġie fostna bħala dawl: "Jiena d-dawl tad-dinja, min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam imma jkollu d-dawl tal-ħajja' (Ġw 8, 12.

Hekk kif is-sħab fis-sema jgħatti l-istilel, hekk ukoll jigri lilna. Xi kultant is-sħab tal-ħajja la jħallina naraw sew lil Kristu-Dawl u wisq iżjed li nkunu ta' dawl għall-oħrajn.

Id-dlam li kultant inkunu għaddejin minnu, jekk ikollna fidi biżżejjed, jista' jgħinna biex niddu aktar, bħalma l-istilla tiddi aktar fid-dalma tal-lejl milli f'ħin ieħor.

Tinsiex! Inti stilla li permezz tiegħek Ġesù jrid jiddi fid-dinja tal-lum. ❑

Bibbja

# Il-Presepju ta' Luqa

minn P. Donat SPITERI OFMCap

***Għandna nkunu rikonoxxenti lejn San Luqa, għax mill-Evanġelisti kollha hu biss ħallielna l-istorja tat-twelid ta' Ġesù. Mingħajrha ma konniex naslu biex nagħmlu l-presepju tagħna li jferraħna ħafna fi żmien il-Milied. L-ewwel presepju ħadmu Luqa, presepju ħaj u tassew. Fuqu aħna nfasslu u nibnu l-presepji tagħna b'kull xorta ta' fantasija. Ix-xenarju ta' l-ewwel presepju ħallihulna bir-rakkont tat-twelid ta' Ġesù, mibni fuq tradizzjonijiet li kienu mxerrda fost l-insara ta' l-ewwel żmien fuq it-twelid ta' Ġesù u fid-dawl tal-profeziji messjaniċi, l-aktar ta' Mik 5, 1 li jgħid li l-Messija kellu joħroġ minn Betlehem, il-belt ta' David.***



## Marija u Ġużeppi

Luqa beda l-istorja tal-presepju bil-preżentazzjoni taż-żewġ figuri l-aktar importanti: Marija u Ġużeppi. Fi storja ta' qabel, dik tat-tħabbira tat-twelid ta' Ġesù lil Marija, kien diġà semma li hi kienet mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David, u li t-tnejn kienu joqogħdu f'Nazaret (1, 26-38).

Imma l-Messija kellu jitwieled f'Betlehem, il-belt ta' David, mnejn kien imnissel ukoll Ġużeppi, li kellu jidher għalih bħala missieru (ara Ġw 7, 41-42). Jibqa' kurjuż il-fatt kif u għaliex Ġesu twieled f'Betlehem meta Marija u Ġużeppi t-tnejn kienu f'Nazaret. Luqa għaraf jagħti tweġiba għal din id-diffikultà fil-każ ta' ċensiment li kellu jsir b'ordni ta' l-imperatur ta' Ruma biex kulħadd imur jinkiteb fil-belt ta' missirijietu.

Għalhekk Ġużeppi kellu jmur minn Nazaret għal Betlehem flimkien ma' Marija, li kienet tqila. Mixja ta' xi 150 kilometru (ftit aktar minn 60 mil) fi triq imħarbta u iebsa.

## Il-Bambin

Il-Bambin Ġesù ġie wkoll. "Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u wildet l-ewwel iben tagħha".

F'żewġ versi (6. 7) b'kelmtejn sempliċi, iżda ta' qawwa kbira, Luqa afferma l-fatt tat-twelid ta' Ġesù minn Marija.

U jurina lil Marija tidħol mill-ewwel għax-xogħol ta' omm twajba: "fisqietu u wellditu f'maxtura". Luqa fehem juri li Marija għamlet kollox weħidha bla għajnuna ta' ħadd. Lanqas lil Ġużeppi ma jsemmi f'dan il-mument.

## "Il-maxtura"

Il-kelma *phatne* tfisser "maxtura" li minnha jieklu l-bhejjem jew "stalla" fejn jinżammu. Minn din in-nota nafu li Ġesù twieled fi stalla tal-bhejjem. Nota li tenfasizza l-faqar tiegħu u ta' ommu Marija. Fil-Bibbja bil-Latin għandna l-kelma *praesepium*; minnha ġejja l-kelma tagħna "presepju".

U "il-lukanda" (*katàlyma*) ta' Betlehem, x'kienet? Kif kien ikun hemm fi bliet u rħula oħra tal-Palestina ta' dak iż-żmien (ara Lq 10, 34 u 22, 11) din kienet tkun dar ta' mistrieħ fejn kienu jieqfu l-vjaġġaturi matul il-lejl. Kienet tikkonsisti f'bitħa kbira, imdawra b'żewġ sulari bini. Fil-bitħa kienu jqiegħdu l-bhejjem tal-vjaġġ, u l-kmamar

kienu jkunu għall-mistrieħ tan-nies. Imma għal Marija u għal Ġużeppi "ma kienx hemm post fil-lukanda". Mhux għax ma setgħux jiddefsu ma' l-oħrajn, imma jew għax ma setgħux iħallsu biex ikollhom post aħjar (il-faqar ta' Marija u ta' Ġużeppi) jew għax f'dik is-siegħa li fiha kienet Marija ma kienx jixirqilha post pubbliku bħal dak.

## L-istalla

Stalla tal-bhejjem, siekta, ħiemda u mwarrba, kienet tixraq aktar għat-twelid misterjuż ta' l-Iben ta' Alla bħala bniedem. Imbagħad din setgħet kienet stalla f'rokna ta' xi dar abitata minn xi qraba jew ħbieb li Ġużeppi seta' kellu f'Betlehem. Fl-inħawi ta' Betlehem kien hemm u għad hemm ħafna għerien sbieħ tajbin mhux biss għall-bhejjem, iżda għan-nies ukoll. "Il-grotta tat-twelid ta' Ġesù", li fuqha hi mibnija b'bażilika li hemm illum, setgħet kienet waħda minnhom.



U l-baqra u l-ħmara kienu hemm? Dawn ma jidħlux fil-presepju ta' Luqa. Nistgħu nissoponu li Ġużeppi u Marija kellhom il-ħmara ġwedja tagħhom matul il-vjaġġ kollu minn Nazaret għal Betlehem biex fuqha jgħabbu t-tagħbijiet tagħhom. Imma l-baqra daħlet mill-ħsieb ta' l-istalla. Il-baqra u l-ħmara tqiegħdu fil-presepju mit-tradizzjoni popolari, forsi taħt l-influwenza ta' applikazzjoni tal-kliem ta' Isaija b'riferenza għar-ras iebsa tal-Lhud: "Il-gendus jagħraf lil sidu, u l-ħmar il-maxtura ta' sidu; imma Iżrael ma jagħrafx" (Is 1, 3).

## Ir-rgħajja

Dawn huma "l-pasturi" tal-presepju tagħna (mill-kelma bil-Latin *pastores*). Betlehem kienet magħrufa bħala belt tar-rgħajja. David, li kien minn Betlehem, kien jirgħa n-nagħaġ f'pajjiżu qabel sar sultan ta' Iżrael. In-nies ta' din il-belt kienu fil-biċċa l-kbira rgħajja; kienu jgħixu minn fuq l-imrieħel li kienu jrabbu fix-xagħri tagħha. Binhar kienu jmexxuhom fi rqajja' tal-mergħat u bil-lejl kienu jiġbruhom fl-imqajjel u joqogħdu għassa magħhom.

Hekk kienu meta twieled Ġesù. Huma ġew imsejħin l-ewwel biex jagħrfuh u jqimuh. Fis-sejħa tagħhom Luqa ra lil dawk li għalihom Ġesù ġie fid-dinja: l-imwarrbin, il-fqajrin u ċ-ċkejknin. Ir-rgħajja kienu mistmella mill-kbarat ta' Ġerusalemm, għax kienu jkunu maħmuġin u ma kinux jersqu lejn it-tempju. Għall-kbarat ir-rgħajja kienu jgħoddu bħala nies imniġġsa għax ma kinux iħarsu l-liġijiet ta' l-indafa. Imma lir-rgħajja, nies sempliċi u umli, waslet l-ewwel il-bxara t-tajba tal-fqajrin (Lq 4, 18).

## L-anġli tal-bxara t-tajba

Biex il-presepju ma jkun nieqes minn xejn, Luqa daħħal fih l-anġli wkoll - "l-anġlu tal-Mulej" u "għadd kbir ta' qtajja' tas-sema miegħu". Fil-Bibbja l-anġli jidhru bħala messaġġiera ta' Alla li jwasslu l-messaġġ tiegħu lill-bnedmin. Luqa mexa ma' din it-tradizzjoni u nqeda bil-figura ta' l-anġli biex iwassal lill-bnedmin dak li jfisser għalihom it-twelid ta' Ġesù.

Ifisser "aħbar tajba" (*eu-angèlion*). Għalhekk hu aħbar ta' ferħ, u ta' ferħ kbir, għax "illum" seħħew il-profeziji li ħabbru t-twelid tal-Messija-Salvatur fil-belt ta' David (Mik 5, 1-4).

Ifisser "glorja lil Alla" (*doksa*). Issa f'Ġesù, l-Iben ta' Alla, tingħata lil Alla l-glorja, il-ġieħ u s-setgħa li tistħoqqlu (Apok 4, 11; 5, 13).

"U sliem fl-art". (*eirène*, "paċi"). Imma l-kelma Lhudija *Xalom* tfisser aktar minn "paċi", kif nifhmuha aħna llum. Tfisser hena, ġid, saħħa, salvazzjoni messjanika. Tfisser l-ogħla u l-aqwa ġid, il-ħbiberija tal-bniedem ma' Alla.

Għalhekk, "lill-bnedmin li jogħġbu lilu". Il-kelma Griega *eudokìa* tfisser rieda tajba, benevolenza. Imma mhux tal-bnedmin, iżda ta' Alla favur il-bnedmin. Minħabba f'Ibnu, li sar bniedem, issa l-bnedmin huma maħbubin jew iffavoriti minn Alla. Għalhekk għandhom is-sliem tiegħu. Jekk ngħidu "il-bnedmin ta' rieda tajba" għandna nifhmu l-bnedmin li huma l-oġġett tar-rieda tajba ta' Alla. Dan hu s-sliem tal-Milied għal kull min jemmen fih.

## Marija

L-aktar Marija, li minnha twieled Ġesù. Dak kollu li rat u semgħet u l-esperjenzi kbar li kellha mit-tħabbira ta' l-anġlu sat-twelid ta' Ġesù baqa' stampat f'moħħha u aktar f'qalbha. "Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (Lq 2, 19. 52).

Din kienet il-meditazzjoni ta' Marija fuq il-misteri ta' Binha Ġesù. ❑



# Teleskopju fuq il-Ħajja

minn P. William AXIAQ OFMCap

Ġejjin tliet riflessjonijiet li lkoll kemm aħna qegħdin ninnutaw l-argument tagħhom. Kulma se nagħmel hu biss li nlibbishom il-kliem u noffrihomkom biex tkomplu taħsbu fil-fond fuqhom.

## 1 ĊERTI VALURI FIL-PERIKLU




Fil-ħajja ta' kuljum sirna nużaw kelma li qabel kienet fid-dizjunarju imma ma konniex nagħtu każha. Issa kulħadd jużaha: politiċi, ġenituri, predikaturi, xandara, ġurnalisti... Hija n-nom 'valur' jew 'valuri'. Ġieli jintuża f'sens tajjeb u ġieli ħażin minn dawk il-persuni li semmejt, b'ġid jew b'dannu għal min ikun qiegħed jisma'.

Naħseb li skoprejna l-kelma 'valur' fid-dizjunarju minħabba l-fatt li fis-soċjetà ta' llum il-'valuri' huma fi kriżi, speċjalemnt dak morali u biex tkompli tagħqad dawk marbutin maż-żwieġ u l-familja.

Jissejjaħ 'valur' dak kollu li hu tajjeb, veru u sabiħ. Dak kollu li lejh tinġibed b'mod naturali r-rieda tal-bniedem, li fundamentalment jogħġobha dak kollu li jmur kontra l-ħażen. Iva, b''valur' nifhmu realtà li l-bniedem, minn jeddu, jagħraf li għandha siwi fiha nfisha.

F'soċjetà pluralistika, magħmula minn persuni li jemmnu ħwejjeġ differenti, hawn theddida serja biex dawn il-valuri jgħaddu għall-bejgħ, għat-tpartit u għall-ixkaffa.

Hawn xejriet ta' ħajja u ta' mġibiet li bil-mod il-mod qegħdin ibiegħdu 'l-insara minn Alla u l-Liġi qaddisa tiegħu. F'pajjiżna qegħdin jiġu mpurtati ċerti mudelli ta' stili ta' ħajja, bħal dawk dwar iż-żwieġ u l-familja, li qed jiġu proposti jew diġà jaqbdu l-art fostna. Dawn ġejjin minn kulturi li, għalkemm forsi jitkellmu fuq Alla, ftit li xejn juru li jimpurtahom mir-rieda qaddisa tiegħu.

Id-divorzju, il-koabitazzjoni, is-sesswalità qabel iż-żwieġ, iż-żwieġ bejn persuni ta' l-istess sess qatt ma jistgħu jsiru tajbin u jiġu aċċettati għax hemm min iridhom jew għax hawn ħaddieħor diġà addottahom.

F'pajjiżna jinħassu rjieħ kulturali u stili ta' għajxien li jmorru direttament kontra l-valuri spiritwali u morali li jagħnu d-dinjità tal-bniedem u l-fatt li huwa iben adottiv ta' Alla. Dawn huma rjieħ li ġieli ssirilhom propaganda qawwija minn ċerti rappreżentaturi tal-*media* lokali bl-iskuża inaċċettabbli li kulħadd għandu dritt jgħix kif irid u kif jogħġbu.

***Mulej, għinni ħalli ma ninbaramx mal-kurrent tal-media imma nħalli l-valuri tal-ħajja jmexxuni huma.***

## 2 L-ALKOHOL FOST IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

F'pajjiżna sirna konxji ħafna mid-drogi. Intbaħna li huma draguni, waqt li diżgrazzjatament għalaqna għajnejna għal theddida iżjed serja: l-alkolħol. Moħħna wisq fil-ħaxixa, eroina, kokaina, xammiema *(poppers)* u *ecstacy* u m'aħniex nintebħu kemm l-alkoħol huwa perikoluż għal kulħadd, speċjalment għal żgħażagħ żgħar.

L-alkoħol issibu f'diversi sustanzi iżda qed ngħid l-aktar għal xorb alkoħoliku bħal inbid, birra, shandy, *alcoholic lemonandes*, xorb irqiq jew spirti.

Instab li għaxra fil-mija minn dawk li miż-żgħożija jibdew jixorbu jiżviluppaw il-marda ta' l-alkoħoliżmu. Hekk stqarret il-*World Health Organization*.



Dipendenza psikoloġika fuq l-alkoħol hija aktar diffiċli biex tinduna biha u biex tikkuraha milli jiġri hekk fejn jidħlu d-drogi li semmejt. L-alkolħol sar parti mill-ħajja ta' kuljum mhux biss tal-kbar imma anki ta' adolexxenti, subjien u bniet, li għadhom fuq l-għatba taż-żgħożija.

L-alkoħol għandu effett fuq il-moħħ. Il-kura minn dipendenza psikoloġika tieħu fit-tul ħafna, iddgħajjef ir-reżistenza għal mard u jeffettwa ħażin l-iżvilupp waqt iż-żgħożija. Barra minn hekk, l-abbuż minn alkoħol ħafna drabi jwassal għal vjolenza u aggressività, serq, inkwiet mal-puliżija, stigma soċjali, sewqan bl-addoċċ...

L-edukaturi għandhom bżonn jiftħu ħalqhom iżjed dwar ir-rovina li tiġi mill-alkoħol. Il-mezzi tax-xandir għandhom iħossuhom obbligati itambru fuq hekk huma wkoll, inkella se jkollna problemi kbar, ikbar minn tad-drogi, fejn tidħol il-ġenerazzjoni li tielgħa.

***Mulej, agħmilni żagħżugħ/tfajla bil-għaqal u żommni 'l bogħod minn ċerti vizzji li ma jirriflettux tajjeb fuqi.***



## 3 SOLIDARJETÀ MAT-TAGĦLIM TAL-KNISJA

Ftit xhur ilu l-Parlament Ewropew - u Malta tifforma parti minn din l-istituzzjoni - approva riżoluzzjoni soċjalista li tixtieq li l-abort ikun legalizzat biex tiġi mħarsa s-saħħa tal-mara. Il-Knisja mill-ewwel qabżet u tkellmet kif titlob il-missjoni tagħha. Ċerti ideoloġiji ekonomiċi u politiċi ma ħadux pjaċir. Dawn huma tal-fehma, għax jaqblilhom, li l-Knisja għandha toqgħod kwieta u ssemma leħinha biss fi kwistjonijiet ta' fidi u salvazzjoni lil hinn mill-qabar, waqt li bl-ebda mod ma għandha ddawwal jew tmexxi l-ħajja tal-bnedmin f'din id-dinja.

Il-Knisja dejjem kellha min ilumha għax taqdi dmirha bir-reqqa u tiddefendi bil-kuraġġ drittijietha. Dejjem kellha min iħares lejha bl-ikrah għax tiftaħ ħalqha u, b'awtorevolezza ta' l-għaġeb, tibqa' xxandar il-liġi ta' Alla bla biża' ta' xejn, waqt li ssostni li altru li għandha jedd iddawwal u tmexxi l-ħajja tal-bniedem f'din l-art - ħaġa li l-Knisja qatt ma tista' ċċediha.

Fi żmienna, meta istituzzjonijiet kbar - bħalma hu l-Parlament tal-Ewropa - jitkellmu u, iżjed u iżjed, jieħdu ċerti deċiżjonijiet, id-diskors li jgħidu u d-deċiżjonijiet li jaslu għalihom altru li jħallu l-effett mistenni. Dak ikompli jidħol fl-imħuħ b'iżjed inċiżività għaliex fil-kwistjoni tkun involuta s-saħħa fiżika. Illum, kif nafu, mhux biss hawn *awareness* kbira dwarha talli l-bniedem kontemporanju sar ossessjonat fuqha. Dawn il-manuvri tal-Parlament ta' l-Ewropa joħolqu mentalità, anzi joħolqu twemmin u vanġelu. In-nies iżjed tibda tobdi lil min ħariġhom milli tkompli tobdi lil min jgħidilha l-verità ta' Alla dwar l-abort.

Ħafna nisa lanqas ikunu jafu kif jibdew jitħajru biex jagħmlu l-abort għaliex, peress li jissemmew raġunijiet mediċi, jibdew jaħsbu li huma ġustifikati li jagħmlu l-operazzjoni, jew inkella għandhom dritt jagħmluha.

Minħabba din is-sitwazzjoni, il-Knisja iżjed u iżjed trid issemma leħinha. Il-ġlieda tagħha mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-Setgħat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet (Ef 6, 12). Mhix ċajta!

***Mulej, agħmel li fi kwistjonijiet serji qatt ma nitbiegħed mit-tagħlim tiegħek u tal-Knisja li fiha s-salvazzjoni.***



# MARIJA IMMAKULATA

minn P. Martin MAMO OFMCap

***"Jiena nqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u bejn nisilha; u hu jisħaqlek rasek..."* (Ġen 3, 15)**



Issa biex din it-tislita, din il-mibegħda, din it-tgħaffiġa, tkun sħiħa, tkun assoluta, kellha bilfors tibda b'rebħa kbira mill-bidunett, billi l-mara kellha tiqaflu, tirbħu, u hekk tumiljah, tbaxxih: billi Alla, għall-ġieħ ta' dak li kellu jkun nisilha (Kristu Ġesù; Ibnu l-għażiż u Alla veru) jeħlisha mill-waqgħa fil-ħofra li fiha x-xitan kien waqqa' l-ewwel mara, u min-ħabba f'hekk il-bnedmin kollha waqgħu (ara Rum 5, 12). "Huwa ħelisni minn dawk li jinżlu fil-ħofra" (S 30, 4). Hekk Marija, il-mara meħlusa mill-waqgħa, satana jibda tassew jibża' minnha għax hija qatt ma kienet taħt setgħetu, qatt ma kienet ilsira tiegħu! "Mill-għoli medd idu u ħatafni, ħelisni, għax lili jħobbni!" (Salm 18, 17-20) "...fuq l-għoljiet fis-sod qegħedni!" (Salm 18, 34).

Din il-mara kellha tkun dejjem proprjetà ta' Alla! "Il-Mulej kellu lili sa mill-bidu..." (Prov 8, 22). "...jgħinna Alla mat-tbexbix tas-sebħ" (S 46, 6) jiġifieri sa mill-bidu, sa qabel il-jum, mat-tbexbix, mat-tnissil tagħha safi! Għax huwa jqisha sa minn issa għamara tiegħu, għalhekk bir-raġun kollu jgħid il-Mulej: "Jiena l-Mulej: dan huwa Ismi! Ma nċedi lil ħadd il-glorja tiegħi!" (Is 42, 8). Żgur li ma kienx se jċedilu lil satana li jtebbagħlu lil Marija: "l-għaxqa tiegħu, li bi ġmielha hu jitgħaxxaq!" (S 45, 12). Għalhekk il-Mulej innifsu joqgħod għassa madwar daru (ara Żak 9, 8), ma jħallihx lil satana jersaqlu lejha: "Tmisslix lil dik li hija kkonsagrata lili!" (I Kron 16, 22). Dan seħħ bil-merti magħrufin minn qabel ma' Binha Ġesù.

Mela l-ewwel tgħaffiġa ta' ras satana kellha bilfors tkun: il-ħelsien ta' Marija Omm Ġesù mid-dnub tan-nisel! "Huwa ħelisni mix-xibka tan-nassab u mill-mard li jġib il-mewt!" (S 91, 3). Jiġifieri Marija sfat meħlusa mid-dnub u l-konsegwenzi tiegħu, li huma: l-injoranza, il-biża', il-mard u l-mewt! Hekk hija tkun tista' tgħid fis-sewwa: "Ħariġni 'l barra fil-wisa'; ħelisni, għax lili jħobbni!" (S 18, 20). Jgħidilha l-Bormliż poeta teologu, il-Kanonku Ludoviku Mifsud Tommasi:

"Meta għamlek,
żejnek b'ġidu...
L-Iben tiegħek il-ħanin!
Lilek waħdek żammek
b'idu...
Ma telqekx mal-midinbin!"

"Jiena ma tbegħedtx bid-dnub minn Alla tiegħi... jiena bla tebgħa kont quddiemu!" (S 18, 22-24). Jiġifieri, mhux biss safja, bla tebgħa ta' dnub, imma wkoll ir-rieda tagħha baqgħet magħquda ma' Alla tagħha; għalhekk għamlet dejjem li jrid hu, u qatt ma dinbet, qatt ma tbiegħdet bid-dnub minn Alla! Hekk, kull bniedem, fl-iktar waqtiet iebsa tal-ħajja, ikun jista' jħares lejha, jitlobha l-għajnuna u jimxi fuq il-passi tagħha.

O mara, kemm inti kbira, kemm ersaqt qrib dak li huwa infinit, kif, u kemm sirt midħla tiegħu, kif ġennintu

warajk lil dak li ħalqek, f'liema kobor u ġieħ tallajt lid-dinjità tal-mara! Min, qablek jew daqsek, qabeż għall-ġieħ tas-sess femminili? Le, qatt ma resaq għal fuqek riġel il-kburi! (S 36, 12). Anzi, nislek, ġisem ġismek, dak li inti ġġib f'dirgħajk, wara li nissiltu b'għaġeb f'ġufek safi, mingħajr ebda sehem ta' raġel, min-nixxiegħa tiegħek biss; iva, dak li jobdik bħala Ibnek, għad li hu Alla tiegħek, Ġesù, huwa jgħaffiġlu rasu!

Kemm hi sabiħa x-xbieha ta' Marija bilqiegħda fuq is-sħab u bejn irkobbtejha hemm wieqaf Ġesù, tifel ta' xi sitt snin, idejh miftuħin beraħ, miżmumin bil-ħlewwa id f'kull id minn idejn Ommu Marija; iżda r-riġel ta' Ġesù jidher iserraħ fuq wiċċ il-pala ta' riġel Marija ommu, li taħt il-mirfes ta' riġlejha hemm titgħaffeġ ras is-serp, bil-frotta misħuta bejn snienu! Marija tidher imbissma, u Ġesù jidher iħares rebbieħ fuq is-serp.

Bir-raġun kollu mela, Alla ta dan il-ġieħ lil Marija li kellha tkun omm Ibnu: safja, bla tebgħa, rebbieħa sa mill-bidu - għax tassew Alla seta' jagħmel hekk... kien xieraq illi jagħmel hekk... u għalhekk tassew hekk għamel - kif jargumenta wisq tajjeb ir-raħeb għaref iben il-fqajjar Franġisku ta' Assisi, il-beatu Duns Scotus - argument qawwi u floku li dawlu bih l-Ispirtu s-Santu! B'dan l-argument, l-għaref Franġiskan rebaħ fuq madwar mija u għoxrin kritiku kuntrarju għad-duttrina tiegħu, fosthom għorrief kbar devotissmi ta' Marija.

Il-Knisja mqaddsa, b'ġieħ kbir għall-Ordni Franġiskan kollu (li bir-raġun iżomm lill-Immakulata Kunċizzjoni bħala l-patruna tiegħu) ħaddnet id-duttrina ta' Duns Scotus, ibbażata fuq it-tliet kelmiet: *"potuit, decuit, ergo fecit"*.

Għalhekk, il-Papa Piju IX, bil-bolla *Ineffabilis Deus* tat-8 ta' Diċembru 1854, iddefinixxa bħala twemmin tal-Knisja, bħala domma tal-fidi, li Marija Santissima kienet bla tebgħa tad-dnub sa mit-tnissil tagħha. Imbagħad, fil-25 ta' Marzu 1858 Marija Santissima saħħet din id-domma billi stqarret ma' Santa Bernardina, fis-sittax-il dehra tagħha f'Lourdes: "Jiena jien l-Immakulata Kunċizzjoni".

Alla nqeda bil-lixka tax-xitan u l-ħażen li bihom waqqa' lill-mara biex jumiljah u joħorġu tellief ukoll b'mara biex iktar kbira tkun l-umiljazzjoni tiegħu.

U dak li s-serp tal-qedem - ix-xitan (ara Apk 12, 9) fis-suppervja tiegħu qatt ma ħaseb li sata' jsir, jiġifieri li l-bniedem isib ħniena quddiem Alla u jaħfirlu, mhux biss, imma li jidħol fil-familjarità miegħu, familjarità liema bħalha, intimità ta' bejn missier u iben: Alla għamlu, billi nqeda proprju b'mara, b'Marija, li minnha Kristu kellu jieħu ġisem ta' bniedem, isir wieħed bħalna u ħuna, u hekk jgħolli s-sess femminili f'dinjità l-iktar għolja, f'ġieħ li ma jistax ikun hemm ogħla minnu, ġieħ ta' Omm Alla. ❑

# Miss Universe

*minn Maria Farrugia*

Isiru ħafna organizzazzjonijiet u attivitajiet soċjali kemm ta' għajnuna għal xi istituzzjoni kif ukoll ta' divertiment, fosthom sport, bħal maratona, drama, kant u xi kunċert, xi *song contest* u anki l-konkors bħalma hu *Miss Universe*.

S'intendi, it-tfajla trid tkun l-aħjar u l-isbaħ waħda. Biex tkun l-isbaħ waħda u tiġi l-ewwel trid tieħu ħsieb tagħha nfisha u żżomm il-figura pulita.

Xi ngħidu għall-qalb u l-karattru ta' din it-tfajla? Irid ikollha valuri u sentimenti sbieħ biex tkun tista' tidher bihom kemm għal matul il-konkors kif ukoll fil-ħajja privata tagħha. Trid tkun ukoll matura, u hekk ma titlifx dawk il-kwalitajiet tajbin li jkollha. Naturalment, dawn il-kwalitajiet flimkien ma' eżempji sbieħ tkun ħadithom mingħand il-mamà tagħha.

Issib tfajliet li jkunu jammiraw xi kantant jew kantanta, xi artist jew artista. B'daqshekk ma jkunu qed jagħmlu xejn ħażin, basta jkunu jafu l-kwalitajiet tajba tagħhom.

Però jridu jiftakru dawn it-tfajliet li hemm mara oħra lil min jimitaw fil-modestja u l-onestà tagħha. Li tilbes skond il-moda tal-mument u fl-istess ħin tkun onesta ma jfissirx li tkun antikwata. Xorta tkun sabiħa u grazzjuża.

Ikunu wkoll ħelwin meta jidhru fis-soċjetà jew quddiem xi udjenza b'din il-kwalità ta' lbies modern u fl-istess ħin onest. Jafu wkoll li hemm omm oħra lejn min iħarsu, li taf tħenn u tifhem lil uliedha kollha, m'għandhiex preferenzi.

Insibu wkoll reġina tas-sbuħija oħra, li m'hiex imkabbra u għalhekk tagħraf u tgħinna fid-diffikultajiet tagħna. Din m'hija ħadd ħlief Marija l-Immakulata Kunċizzjoni li f'dan ix-xahar ta' Diċembru qegħdin niċċelebraw il-festa f'ġieħ is-safa tagħha.

U hekk wara li nkunu ċċelebrajna din il-festa f'din id-dinja mmorru niċċelebraw u ngawdu lill-vera *Miss Universe* fl-oħra. ❑



# Laqgħa għall-Kapuċċini ta' l-Afrika ta' Lvant


P. George Bezzina, Viċi-Provinċjal tal-Kenja (bilwieqfa fuq ix-xellug) flimkien ma' Superjuri oħra Kapuċċini minn diversi pajjiżi fl-Afrika.

Ħuna George Bezzina, Viċi-Provinċjal tal-Kenja għadu kemm attenda għal-laqgħa ta' l-EACC (*East Africa Capuchin Conference*). Din il-Konferenza ta' l-Ordni Kapuċċin hija magħmula mill-Etijopja, Eritreja, Kenja, Uganda, Tanzanija, Zambja, Malawi, Zimbabwe, Mozambique, Moadagascar u l-Afrika t'Isfel.

Is-sena l-oħra din il-Konferenza ltaqgħet fil-Kenja waqt li dik ta' din is-sena li għaliha attenda Ħuna P. George Bezzina saret f'Zimbabwe bejn is-6 u l-10 ta' Mejju 2002. Kull ġurisdizzjoni tat rapport li fih ġew murija d-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom dawn l-Aħwa Kapuċċini f'dawn ir-reġjuni u l-progress li qed isir. Il-formazzjoni ta' l-Aħwa fil-Bidu ngħatat ukoll prijorità f'dawn id-diskussjonijiet. Jidher li l-akbar diffikultajiet li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Afrika bħalissa huma l-faqar, il-gwerer u l-konflitti tribali, in-nuqqas ta' faċilitajiet għall-edukazzjoni, mard, speċjalment HIV u Aids, u l-problema tat-tfal jiġru fit-toroq. Aktar minn għoxrin fil-mija tal-populazzjoni ta' ħafna mill-pajjiżi ta' dan il-kontinent huma infettati bl-HIV+. Dan ifisser li ħafna nies qed imutu b'din il-marda u qed iħallu warajhom ħafna tfal orfni biex b'hekk qed tikber aktar il-problema tal-faqar.

# Professjoni Perpetwa





P. George Bezzina jilqa' l-Professjoni Perpetwa ta' l-erba' żgħażagħ Kapuċċini Kenjani.



Il-31 t'Awissu kien jum sabiħ għall-Ħutna Walter Orango, Emmanuel Kamrata, George Muthaka u James Kimani li fih għamlu l-aħħar wegħdiet tagħhom fi ħdan l-Ordni tagħna. Ħafna qraba u ħbieb attendew għall-Professjoni Perpetwa ta' dawn ħutna. Iċ-ċelebrazzjoni, immexxija mill-Viċi Provinċjal tal-kenja, P. George Bezzina OFMCap, damet madwar tliet sigħat u din kienet animata b'kant u żfin minn korijiet ta' gruppi taż-żgħażagħ.Bi preparazzjoni għal dan il-jum għażiż, dawn ħutna kellhom l-opportunità li għal sitt ġimgħat jingħaqdu ma' Aħwa oħra Kapuċċini mit-Tanżanija biex flimkien jintensifikaw aktar il-ħajja spiritwali tagħhom.

# Studenti Kenjani fiż-Żambja



Bħalissa hemm tmien studenti Kenjani li qegħdin jistudjaw il-filosofija fil-Kulleġġ Franġiskan ta' Lusaka, fiż-Żambja. Il-kors idum tliet snin u hekk kif jispiċċawh imorru fis-seminarju tagħna l-Kapuċċini f'Langata, Nairobi, il-Kenja, fejn ikomplu l-istudji tagħhom fit-teoloġija għal-erba' snin. Nitolbu għal dawn iż-żgħażagħ biex jipperseveraw fil-vokazzjoni tagħhom.

# Jiktbilna Br John Cassar minn Garissa

Insellimlek! Nispera li tinsab tajjeb. Jien hawn ninsab tajjeb ukoll.

Ippruvajt niktiblek qabel imma ma stajtx, minħabba li kien hawn xi viżitaturi mill-Ġermanja li huma benefatturi tal-parroċċa ta' Garissa. Meta kienu sejrin lura vvjaġġajt magħhom sa Nairobi u anke Malindi, fil-fatt wasalt lura minn Nairobi proprju l-bieraħ.

Bħalissa hawn ħafna xita. Fl-istagun li suppost tagħmel ix-xita mhux qed tagħmel u barra mill-istagun qed tagħmel ħafna xita u ġġib ħafna problemi magħha. Dalgħodu suppost li mort Madogo għal ftit tal-ħin, imma kif wasalt sibt diżastru bix-xita u bl-ilma li għadda minn ġol-*compound* tal-knisja li kisser il-pajpijiet ta' l-ilma kollha. F'kelma waħda għamel ħafna ħsara u ser ikolli nbiddel is-sistema kollha. Nispera li ma daħalx wisq ilma taħt il-bini, għax l-ixkejjer mimlija bil-ġebel u r-ramel li kont għamilt għall-ilqugħ ta' l-ilma ġarrhom ukoll.



*Bro John Cassar ma' nies li tilfu djarhom.*

Ġo Madogo, ħafna nies, madwar 300 familja, spiċċaw bla dar. L-ilma ġarrilhom mhux l-għarajjex imma anke l-bhejjem, l-ikel u l-ftit affarijiet li kellhom. Issa kulħadd qed immur quddiem l-iskola sekondarja minħabba li l-post huwa ftit fil-għoli. Dalgħodu spiċċajt inġorr l-affarijiet tan-nies bil-biċċa *pickup* li għandi, għal quddiem l-iskola fejn qed jikkampjaw. Fuq il-post diġà kien hemm membri tal-UNICEF iqassmu xi tined u anke ikel lin-nies. L-ilma anke mejtin minn ġo l-oqbra qala'. S'issa jidher li s-sitwazzjoni hija taħt kontroll, però, jekk tibqa' nieżla x-xita, żgur li l-problemi jiżdiedu.

Id-Djoċesi ta' Garissa offriet inċirati tal-plastik, *nets* kontra n-nemus, materjal għal- latrini, kontenituri għall-ilma u mediċini.

Mororo l-istess, qed jistennew li tfur ix-xmara u n-nies ikollhom jerġgħu jitilqu minn hemm kif xi wħud bdew jagħmlu. Wara Madogo mort hemm ukoll, biex nara kif inhi s-sitwazzjoni. S'issa jidher li mhix ħażin wisq. Hemm kullimkien ilma u tajn, u bilkemm stajt nidħol biex nara n-*nursery school*. Sibt żagħżugħ u għaddieni minn triq hu. Ser ikollna ngħalqu l-iskola qabel il-waqt.

Għallum ser inħallik hawn u nerġa' niktiblek 'il quddiem. Minn qalbi rroddlok ħajr ta' kollox u nselli ħafna għalik.

Nitolbu għal xulxin.
Giovanni

## Bolol miġburin fl-Iskejjel

L-Uffiċċju tal-Missjoni tal-Kapuċċini, Floriana, jixtieq jirringrazzja lill-istudenti tal-Boys' Junior Lyceum tal-Ħamrun, tas-Sixth Form tal-Kulleġġ ta' De La Salle tal-Kottoniera, ta' l-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa u ta' Kerċem għall-bolol li ġabru u li wassluhomlna permezz ta' l-għalliema tagħhom.
Hija ħaġa sabiħa li studenti, anke f'età żgħira, jinteressaw ruħhom fil-missjoni. Il-Mulej ikompli jbierek lil dawn l-istudenti u l-għalliema tagħhom, u jalla skejjel oħra jitħajru minnhom u jagħmlu l-istess.



# Nitkellmu ma' *Patri Remiġ Galea* OFMCap

minn Br André AZZOPARDI OFMCap

***Għażiż P. Remiġ inti Għawdxi minn Sannat. X'tgħidilna dwar il-familja tiegħek u dan ir-raħal Għawdxi fi tfulitek?***

Jien twelid fit-2 ta' Diċembru1937 f'Ta' Sannat. L-ewwel żmien tiegħi qattajtu bħala abbati. Kont ħabrieki fil-knisja bllll kont ukoll lnkanta u l-qasslsln ta' dak lż-żmlen klenu jħeġġuna u tawna xi forma ta' dixxiplina u edukazzjoni li stajna nsawru l-karattru tagħna. Wara l-Iskola Primarja bqajt miexi fl-Iskola Sekondarja tas-Seminarju t'Għawdex.

***Kif kien Għawdex meta kont żgħir inti u kif taħseb li nbidel illum?***

Għawdex ta' tfuliti kien iktar sabiħ mil-lum. L-ambjent kien iktar kwiet u nadif. Il-faqar kien kbir, imma kellna ħafna ferħ. Konna nifirħu fil-logħob ta' kull kwalità fit-toroq u fil-kampanja. Bħala tfal konna naħdmu u nistinkaw biex naqilgħu xi flus biex nixtru xi ktieb jew xi ħaġa. Fir-raħal konna niffurmaw ġgajtiet ta' tfal li nikkompetu ma' xulxin f'kull xorta ta' logħob. Ħafna minna konna mmorru l-Mużew li kien iċ-ċentru fejn bħala żgħażagħ niltaqgħu flimkien, nitgħallmu u nitħeġġu minn xulxin. Kien mezz providenzjali biex iħeġġeġ il-vokazzjonijiet; kien mixtla tal-vokazzjonijiet.

***X'taħseb li huma l-elementi prinċipali tal-kultura Għawdxija?***

Il-kultura nistħajjilha dak l-iżvilupp soċjali li għandu saħħa jbiddel għall-aħjar il-qagħda tal-bniedem. Din il-kultura tibda tikber u titwessa' fejn l-aktar il-bniedem isib l-aspirazzjonijiet tiegħu: fil-knisja, fejn il-bniedem jesprimi t-twemmin, l-arti u l-folklor u l-ħeġġa u l-espressjoni tal-imħabba tiegħu; fil-każini tal-Banda u tal-futbol fejn il-bniedem isemma leħnu fis-soċjetà u jikkoopera fl-isport. Jien ukoll stajt ksibt minn dan l-ispirtu ta' kultura u drama, u forsi sibthom tajbin biex nużahom bħala mezz ta' appostolat fil-bidu tas-saċerdozju tiegħi, fis-serati li konna norganizzaw għat-tfal li kienu jiġu fil-knisja għat-tagħlim.

***X'kien dak li ġegħlek tinġibed lejn il-Franġiskani Kapuċċini u seħħlek tħaddan l-Ordni?***

L-ewwel li nnutajt fil-ħajja meta bdejt naħseb fuq il-vokazzjoni kienet is-sbuħija li tħalli d-dar tiegħek u tingħaqad ma' komunità reliġjuża. Dak iż-żmien fit-toroq t'Għawdex kont tara għaddejjin serbut ta' żgħażagħ reliġjużi. Jien kont nissaħħar inħares lejhom. Fil-Mużew dejjem kont nisma xi priedka mill-patrijiet Franġiskani. Naħseb ukoll li kelli mħabba moħbija għall-patrijiet Kapuċċini. Dan forsi hu frott li jien kont nammira l-ħajja sempliċi ta' faqar u skiet. Meta kont żgħir dejjem bqajt impressjonat b'patri Kapuċċin li kien jagħmel ħafna konferenzi lil tal-Mużew. Dejjem kont nixtieq niltaqa' miegħu u nkellmu.

***X'kienu l-ħidmiet li kellek fi ħdan il-Provinċja?***

L-appostolat tagħna għall-grazzja ta' Alla nistħajlu bħal dik il-frotta li kulħadd ikun jistenna fl-istaġun tagħha. Jiena qaddist fl-1964 u fil-bidu bqajt fil-kunvent tal-Floriana. L-ewwel kelli sena kors pastorali flimkien mas-saċerdoti li ordnaw dik is-sena. Għamilt appostolat mat-tfal abbatini. Għallimt għal xi snin fl-Iskola Serafika u qdejt servizz fil-knisja ta' Marija Reġina fil-Marsa, li kienet fil-bidu tagħha. Imbagħad qattajt ukoll snin fil-kunvnet ta' Għawdex. Hawn ukoll kont nieħu ħsieb l-għaqdiet u attivitajiet oħra. Minn hawn bdejt l-appostolat fl-isptarijiet li għadni fih sallum. Dan l-appostolat, li tkun qrib il-bniedem marid u tagħtih kelma ta' fejqan, tgħinu bi tbissima, toqgħod tisimgħu u titlob miegħu, inħossu għalija appostolat ta' mħabba u ta' fejda.

***Il-pinna u l-poeżija x'ifissru għalik?***

Jiena dejjem ħabbejt il-kitba u l-poeżija, speċjalment il-kitba li twassal messaġġ ta' mħabba u ta' ferħ. Dan hu dovut għall-ħajja li ħaddant u l-aspirazzjonijiet li nixtieqhom iseħħu fil-ħajja. Fil-ħajja tiegħi dejjem xtaqt li naqdi lil kulħadd. Fil-ħajja tiegħi dejjem insib xi esperjenzi li noffirhom lill-qarrejja tiegħi permezz tal-kitba. Il-ferħ tiegħi wkoll ippruvajtu meta ppubblikajt l-ewwel ktieb tal-poeżija 'Dawl fil-Widien'. Fl-appostolat tat-tfal kont nikteb ħafna *plays* sbieħ għall-palk li fihom messaġġ.

***Kif jolqtok Patri Piju ta' Pietrelcina?***

Kulma nsib miktub fuq Patri Piju nħobb neżaminah u niddiġerih b'attenzjoni. Għandi mħabba u rispett kbir lejn

# Patri Piju Bniedem ta' talb u ta' tbatija

minn Kan. Jos. Bonello

### Iċ-ċerimonja tas-16 ta' Ġunju f'Ruma

Ħadt pjaċir ferm fis-16 ta' Ġunju 2002 nara ċ-ċerimonja tant sabiħa tal-Kanonizzazzjoni ta' Padre Pio fuq it-televiżjoni. Baħar ta' nies minn kull parti ta' l-Italja u minn kull parti tad-dinja mlew dawk l-inħawi ta' Ruma, u naħseb li l-Belt Eterna qatt ma rat folla daqshekk kbira. Mewġa wara mewġa ta' nies ksew it-toroq li jagħtu għall-Vatikan, u kmieni filgħodu, il-postijiet riżervati kienu diġà ttieħdu għax il-pulizija ma setgħux jikkontrollaw dik il-massa ta' poplu. Mhix ċajta li tkun fix-xemx f'temperatura ta' 37 grad! Tant huwa hekk li rajna n-nies fil-pjazza li bdew jieħdu pjaċir bl-ilma li xi ħadd kien qed jitfa' fuqhom minn fuq.




### Madankollu kulħadd ferħan

Il-Papa, mgħobbi biż-żmien u batut ħafna, mexxa c-ċerimonja kif kien ippjanat u l-poplu preżenti, permezz ta' bosta *big screens* fil-pjazza, segwa b'attenzjoni u b'ċerta ġabra. In-nies insew is-sħana; kulħadd kien jidher anzjuż u ferħan waqt li konna qed nassistu għall-quddiesa. Il-poplu preżenti xorta ħa sehem fil-kant u fil-Liturġija ta' l-okkażjoni. Iċ-ċapċip indirizzat lejn id-diskors tal-Papa ma naqasx, u meta ċ-ċerimonja laħqet il-mument solenni tagħha l-poplu ċapċap ferħan u l-ferħ kien jidher fuq wiċċ kulħadd. Xi wħud ma felħux aktar u kellhom jirċievu l-għajnuna tal-voluntiera li kienu preżenti tista' tgħid f'kull post.

Il-Quddiesa ma ħaditx fit-tul daqs is-soltu, iżda xorta kienet esperjenza meraviljuża li ma tista' tinsa qatt.

### Għaliex Padre Pio qanqal dan l-interess kollu?

Padre Pio twieled fil-25 ta' Mejju 1887. Kien bniedem umli u żgur li qatt ma ġieh f'moħħu li minħabba fih Ruma kellha tara dik il-massa ta' nies li qatt qabel ma kienet rat bħalha. Padre Pio ma kienx għaref ħafna; qatt ma għamel xi studji speċjali; ma kienx oratur kbir; xejn ma kellu speċjali. Mela għaliex qanqal dan l-interess kollu? Għaliex kien bniedem qaddis; kellu mħabba u fiduċja kbira lejn Alla; kien patri qaddis li għex il-vokazzjoni tiegħu bl-akbar serjetà; kien bniedem ta' talb u tas-sofferenza. Kif qalet fuqu ġurnalista: *"Era un uomo di preghiera e di sofferenza".*

Kien bniedem li jitlob. Qatt ma kien ifalli t-talb, ukoll bil-lejl, għalkemm kien ikun okkupat il-ġurnata kollha.

Qatt ma beża' mill-ebda tbatija. Irċieva l-pjagi tal-Passjoni ta' Kristu fl-20 ta' Settembru 1918, u għadda ħamsin sena jbati tbatija kbira b'dawn il-pjagi miftuħa u jnixxu d-demm. Madankollu kollox ġarrab fil-kwiet, filwaqt li kellu dejjem kliem ta' faraġ għal dawk li kienu jersqu lejh.

Kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija u lejn il-Madonna. Miet fit-23 ta' Settembru 1968.

Padre Pio huwa eżempju ċar għalina. Jalla nkunu bħalu, nies ta' qalb u li nġarrbu kull tbatija fil-kwiet, fiduċjużi dejjem f'Ġesù Ewkaristija u f'Ommu Marija. ❑

---

Patri Piju. Hu għenni ħafna fil-ħajja tiegħi. Jiena mill-faqar tiegħi ħriġt klejjeb bil-pariri ta' Patri Piju, mela dan sar beatu. Qabel ma sar beatu, bis-saħħa ta' P. Anton Azzopardi OFMCap, ktibt innu lil Patri Piju għall-Gruppi tat-Talb. Dan l-innu daħal fil-qalb ta' kulħadd għall-ħlewwa u l-mużika tiegħu. Għalija Patri Piju jibqa' l-ħabib u l-għassies ta' kull min qed ibati, u li t-tbatija tiegħu jixtieq jgħaqqadha ma' ta' Ġesù għall-ħelsien u l-ġustizzja fost il-fqar u ż-żgħar.

***X'messaġ tixtieq twassal lil dawk li għandhom jew iħossu vokazzjoni reliġjuża?***

L-ewwel element essenzjali għas-sejħa reliġjuża hu li Alla l-Missier, fil-pjan tiegħu ta' mħabba, jibqa' jsejjaħ għal warajh. Kull għajnuna li neħtieġu biex inħarsu l-vokazzjoni tiġi mit-talb li, kif jgħid il-qaddis P. Piju, hu l-muftieħ li bih niftħu l-bibien tal-qalb tal-Missier tagħna. Inħabirku billi nistudjaw il-Kelma ta' Alla għax hija l-gwida u d-dawl ta' ħajjitna. Nitħarrġu dejjem fl-appostolat tal-imħabba tal-proxxmu.

Fil-ħajja ta' P. Piju nsibu li minn kmieni kien iħoss għall-bnedmin speċjalment għall-morda u għalhekk baqa' miexi dejjem bil-kuraġġ biex iwaqqaf dar (l-isptar) fejn il-bniedem isib il-fejqan tar-ruħ u tal-ġisem. Fuq kollox ikollna l-kuraġġ li jaf jagħtina Ġesù: "La tibżgħux, qawwu qalbkom, jien irbaħt id-dinja." ❑

# IT-TALB TAL-PROFETA

*minn P. Frans ABELA OFMCap*

**IT-TIENI PARTI**



## Leħen Alla jħajjar għat-Talb

Din l-atmosfera smewwija li jġarrab min joqgħod jisma' fil-kwiet leħen Alla qanqlet u sieħbet lil Franġisku fil-forom kollha tat-talb vokali. Dan jista' jingħad għat-talb ta' radd il-ħajr li fawwar minn bħal xmara minn fommu meta lill-ħolqien kollu kien iħossu jerfgħu b'imħabba serafika 'l fuq lejn il-Ħallieq. L-istess jista' jingħad dwar it-talb komuni użat l-iżjed mil-lajċi, li hu mhux biss kien jagħmel użu spiss minnu, imma kien joqgħod isoffu bla għaġla bħal min isoff xi ħelwa tajba f'ħalqu, bħal fil-każ tal-'Missierna' u tas-Salmi li minnhom kien juża siltiet skond l-eżiġenzi personali spiritwali tal-mument. Jeżisti wkoll it-talb ta' petizzjoni li jsir għall-qligħ ta' xi grazzja u li, għalkemm skond l-argument suppost isegwi s-smigħ ta' leħen Alla, xorta waħda mhux ta' min iġenbu għax Kristu nnifsu jridu: "S'issa għadkom ma tlabtu xejn f'ismi; itolbu u taqilgħu, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ" (Ġw 16, 24). Issa, billi ma nafux x'jippreferi Alla li nitolbuh, jaqbel għalhekk li l-ewwel nitkixxfu minn għandu x'jixtieqna nitolbuh u wara nifformulawh bi kliemna. Din in-norma neħduha minn kliem San Franġisk:

> **"O Alla, lilna l-fqajrin,**
> **agħtina l-grazzja nagħmlu**
> **dak li nafu li trid int,**
> **u li nkunu rridu dejjem**
> **dak li jogħġob lilek"**
> (Tislima lit-Trinità Qaddisa).

## Is-Sigriet tas-Suċċess

San Franġisk irnexxa fis-sengħa tat-talb tas-smigħ u tat-talb tal-fomm għax, biex jidħol f'intimità ma' l-Għarus, għażel 'l bogħod postijiet fejn ħadd ma seta' jtelliflu l-ħemda, postijiet maqtugħa mill-ħsejjes u mill-għagħa tan-nies bħal per eżemju Fontecolombo, Celle di Cortona, La Verna u Le Carceri, u tħażżem bis-skiet ġewwieni li jfisser ħarba mill-ftaħir personali, mill-kliem vojt u fieragħ, mill-ġlied u mit-tilwin filwaqt li d-dnub ta' l-oħrajn kien iżommu mistur.

Dawn il-kundizzjonijiet pożittivi u favorevoli - ħemda materjali u skiet interjuri - irregalaw lit-talb ta' Franġisku it-timbru ta' 'talb ta' profeta', profeta fis-sens bibliku, bniedem cioè li jitkellem f'isem Alla b'awtorità u qawwa, minkejja t-tfixkil li miegħu jiltaqa' kull profeta fil-qadi ta' dil-missjoni skomda.

## Għeluq

Ma' Kristu bil-magħmudija u ma' Franġisku bis-sejħa tagħna ta' Franġiskani, aħna naqsmu dal-mandat li nkunu profeti fid-dinja. Biex nirnexxu f'dan il-qasam ta' ħidma, ejjew noħorġu nixbhu lil Missierna San Franġisk billi, l-ewwel nintefgħu f'atteġġament ta' smigħ ta' leħen il-Mulej, u, wara, nazzardaw nifformulaw it-talb u l-ħtiġiet tagħna bil-fomm.

***Xellug:** San Franġisk ta' Assisi Affresk tas-Seklu XIII. Firenze, Chiesa di Santa Croce.*

*Kultura Franġiskana*

# Qaddisin Franġiskani fil-Filatelija

minn P. Martin MICALLEF OFMCap.

**ID-DISA' PARTI**

***F'dan l-aħħar numru f'din is-serje ta' bolol Franġiskani ser nippreżentaw bolol oħra li juru qaddisin Franġiskani ta' l-Ewwel Ordni. Nibdew b'San Bonaventura minn Bagnoreggio (1217-1274), meqjus bħala t-tieni fundatur ta' l-Ordni Franġiskan. Dan għaliex bħala Ministru Ġenerali huwa ħadem ħafna biex jorganizza aħjar l-Ordni Franġiskan. L-għerf tiegħu, li għadu fostna sal-lum permezz ta' bosta kitbiet, wassal biex ġie maħtur Kardinal tal-Knisja, imma dan ma naqqas xejn mill-umiltà tiegħu bħala veru Franġiskan.***




**1.** Fis-26 ta' Settembru 1974, l-Istat tal-Vatikan fakkar Is-VII Ċentinarju mill-mewt ta' San Bonaventura b'serje ta' tliet bolol disinn ta' Tullio Mele. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 220 l., turi waħda mill-eqdem raffigurazzjonijiet ta' San Bonaventura impittra minn Benozzo Gozzoli (1420-1497) għall-knisja ta' San Franġisk tal-Franġiskani Konventwali ta' Montefalco. Il-qaddis jidher imlibbes bil-libsa franġiskana, bil-kappell aħmar ta' Kardinal, u jaqra ktieb.




**2.** Fis-7 ta' Marzu 1978, ir-Repubblika Popolari tal-Congo fakkret ir-IV Ċentinarju mit-twelid ta' Rubens (1577-1640) b'serje ta' erba' valuri kif ukoll b'fuljett. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 200 f., turi lill-Madonna mal-qaddisin: Bonaventura, Ġirolmu, Ġorġ u Marija Maddalena. Ir-raffigurazzjoni hija meħuda mill-pittura li saret bejn l-1636 u 1640. Il-kwadru, li hu kbir 220 x 195 cm, jinstab fuq l-artal tal-kappella ta' Rubens fil-knisja ta' San Ġakbu t'Anversa.




**3.** Fis-27 t'Awissu 1956, l-Ekwador fakkar it-Tieni Ċentinarju mill-ewwel tipografija f'dan il-pajjiż b'serje ta' 11-il valur. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 3s., stampata fuq sfond kannella, tfakkarna kif fl-1755 ġiet inawgurata fl-Ekwador l-ewwel tipografija installata mill-Ġiżwita Ġermaniż Adam Schwarz ta' Dillingen. L-ewwel ktieb stampat kien dak ta' San Bonaventura, li l-qoxra tiegħu hija riprodotta fuq din il-bolla.




**4.** Fl-1992 Sierra Leone ħareġ serje ta'12-il valur. Dawn il-bolol juru pitturi ta' Francisco de Zurbaran. F'din is-serje hemm tliet bolol li fihom jidher San Bonaventura. L-ewwel waħda hija dik li ġġib il-valur ta' 1 Le. Din turi iż-żjara ta' San Tumas t'Aquino lil San Bonaventura. Dan ta' l-aħħar jidher bilqiegħda jikteb wieħed mit-trattati teoloġiċi tiegħu. Fuq il-mejda jidher il-kappell li jagħmel parti mil-libsa tiegħu bħala Kardinal.




**5.** Il-bolla l-oħra f'din is-serje ta' 12, hija dik li ġġib il-valur ta' 600 Le. Din il-bolla sabiħa turi lil San Bonaventura liebes l-ilbies ta' Kardinal u mdawwar minn bosta għorrief oħra fil-Konċilju ta' Lyons li fih ħa sehem attiv dan il-qaddis Franġiskan.

**6.** Il-bolla l-oħra f'din is-serje hija dik li ġġib il-valur ta' 700 Le. Din hija wkoll meħuda minn waħda mill-pitturi




sbieħ ta' Zurbaran u turi l-mewt ta' San Bonaventura. Dan il-qaddis jidher liebes l-ilbies abjad, bil-mitra f'rasu. Il-kappell aħmar ta' Kardinal jidher mqiegħed in-naħa t'isfel. S. Bonaventura jidher imdawwar mill-Papa u bosta patrijiet Franġiskani, Dumnikani u persuni distinti oħra li marru għall-funeral tiegħu.




**7.** Minn San Bonaventura mmorru issa għal San Ludoviku ta' Tolosa. Dan twieled fil-kastell ta' Brignoles fi Provenza fi Frar 1274. Meta l-Papa Bonifaċju VIII innominah Isqof ta' Tolosa, huwa aċċetta bil-kundizzjoni li l-ewwel itemm ix-xewqa tiegħu li jsir reliġjuż. Ix-xewqa li jimxi wara Ġesù fqir u umli għamlu minn dan il-qaddis wieħed mill-akbar fost il-qaddisin ta' l-Ordni Franġiskan. Fil-31 t'Ottubru 1977, il-Gżejjer Cook fakkru l-festa tal-Milied b'serje ta' sitt fuljetti mill-isbaħ. Il-fuljett li jġib il-valur ta' 75 c + 5 juri lill-Verġni Mbierka mal-Bambin. Fost il-qaddisin li jidhru hemm San Ludoviku ta' Tolosa li qiegħed fuq il-lemin fuq quddiem. Huwa jidher imlibbes bl-ilbies pontifikali fuq il-labtu franġiskan. F'idejh għandu l-mitra u l-baklu. Il-pittura hija dik ta' Carlo Crivelli (1430-1493) u tinsab f'Berlin fi Staatlichen Museum.




**8.** Fuljett ieħor sabiħ maħruġ ukoll mill-Gżejjer Cook ifakkar il-Milied ta' l-1990. Dan il-fuljett bil-valur ta' $6.40 juri lill-Verġni Mbierka bil-Bambin rieqed fuq ħoġorha, imdawrin minn bosta qaddisin. San Ludoviku jidher fuq il-lemin qrib il-Madonna liebes l-ilbies pontifikali.




**9.** Qaddis ieħor Franġiskan li daħal ukoll fil-filatelija huwa San Bernardinu ta' Siena (1380-1444). Dan twieled minn familja nobbli u ta' 22 sena daħal mal-Patrijiet Minuri fi Siena fejn ma damx ma sar predikatur famuż. Huwa baqa' magħruf l-aktar għad-devozzjoni lejn l-Isem Qaddis ta' Ġesù. Fl-24 ta' Marzu 1969, Spanja ċċelebrat il-jum tal-bolol b'opri tal-pittur Alonso Cano (1601-1667). Għal din l-okkażjoni Spanja ħarġet serje ta' 10 bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 4 Ptas., turi lil San Bernardino ma' San Ġwann Capistrano, bi speċi ta' kwadru li fuqu hemm miktub l-isem ta' Ġesù. Dan hu dak li baqa' magħruf bħala l-monogramma li aktar tard ġiet adottata mill-Ġiżwiti u oħrajn.




**10.** Fit-13 ta' Mejju 1975, Monaco fakkar is-Salib Aħmar Monegasca b'din il-bolla li ġġib il-valur ta' 4 f. Il-bolla , fuq sfond vjola, ġiet iddisinjata minn P. Lambert u turi lil San Bernardinu jgħin lill-morda bil-pesta. Il-bolla hija inkwadrata fi speċi ta' niċċa.




**11.** Qaddis ieħor magħruf Franġiskan huwa San Ġwann ta' Capistrano (1386-1456). Dan il-qaddis ħa mingħand San Bernardino l-monogramma (JHS) u kien iġorrha fil-ġlidiet tiegħu kontra l-eretiċi ta' żmienu. Fit-30 t'Ottubru 1956, l-Istat tal-Vatikan fakkar il-V Ċentinarju mill-mewt ta' San Ġwann ta' Capestrano b'serje ta' żewġ valuri. Iż-żewġ bolol juru l-istess ħaġa imma ġew stampati b'kuluri u valuri differenti. Waħda li hija fuq sond kannella, iġġib il-valur ta' 35 l. L-oħra fuq sfond ħadrani, iġġib il-valur ta' 25 l. Dawn iż-żewġ bolol huma disinn ta' C.Dabrowska u huma meħudin mill-inċiżjoni ta' V.Nicastro. Huma juri lill-qaddis bilwieqfa ħafi, liebes il-labtu Franġiskan. F'idejh il-leminija għandu l-bandiera bajda bis-salib u bl-istemma ta' l-isem ta' Ġesù, filwaqt li f'idu xellugija qed iżomm il-ktieb ta' l-Evanġelju. Din ix-xbieha tagħmel parti mill-polittiku li jinsab fl-Aquila, fil-Museo Nazionale dell'Abruzzo.

**12.** Fit-30 ta' Novembru 1982, l-Ungerija fakkret l-opri artistiċi tal-Kappella Ungeriża fil-Vatikan b'serje ta' 6 valuri. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 2 Ft., hija meħuda mill-buzzett ta' l-iskultura ta' Emerigo Tot. Din turi episodju mill-ħajja ta' dan il-qaddis Franġiskan li seħħ fl-1456 wara r-rebħa ta' l-eżerċitu nisrani kontra t-Torok f'Naudorfehervar, viċin Belgrad. San Ġwann ta' Capistrano jidher qed jirringrazzja lil Alla u b'sinjal ta' festa qed idoqq il-qanpiena b'idejh stess. L-aħbar waslet Ruma fis-6 t'Awissu u l-Papa Kallistu III istitwixxa l-festa tat-Trasfigurazzjoni ta' Kristu.




**13.** Qaddis ieħor Franġiskan li sab postu wkoll fost il-ħafna bolol li joħorġu mill-pajjiżi differenti huwa San Pietru ta' Alcantara (1499-1562). Huwa għex ħajja ta' penitenza kbira, tant li Santa Tereża ta' Avila, qaddisa Spanjola bħal dan il-qaddis, għażlitu bħala d-direttur spiritwali tagħha. Fl-4 ta' Diċembru 1972, il-Bolivja ħarġet serje ta' 9 valuri li juru kwadri ta' artisti minn dan il-pajjiżi. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 80 c., turi lil San Pietru ta' Alcantara f'waqt ta' talb. Din il-bolla hija meħuda mill-kwadru ta' Melchor Pérez de Holguin.




**14.** Fid-29 t'Ottubru 1976, Spanja ħarġet serje ta' tliet bolol li juru kunventi u abbaziji differenti. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 7 Pta., turi l-kappella tas-Santwarju fejn jinsab il-qabar ta' San Pietru ta' Alcantara. L-altar li jidher f'din il-bolla huwa xogħol ta' Francisco Gutierrez. Fl-abside tidher skultura ta' dan il-qaddis li qed iżommuh l-anġli. Fil-ġenb ta' l-urna, fejn hemm il-fdalijiet ta' dan il-qaddis, jidhru żewġ statwi ta' l-alabastru. Waħda tirraffigura l-Fidi u l-oħra l-Karità.







**15.** Bolla f'din is-serje u li ġġib il-valur ta' 20 Pta., turi l-istatwa tal-qaddis f'estasi. Din l-istatwa tinsab fil-pjazza tal-"Condestable Davalos" tal-belt ta' Arenas de San Pedro. L-istatwa hija xogħol fil-bronż maħduma minn José Navarro Gabaldon.

**16.** Qaddis ieħor Franġiskan li baqa' magħruf huwa San Feliċ ta' Cantalice (1515-1587). Dan il-qaddis Kapuċċin qatta' 40 sena jiġri mat-triqat ta' Ruma bil-ħorġa jittallab il-karità. Fis-6 t'Ottubru 1971, St. Vincent fakkar il-festa tal-Milied b'serje ta' 4 valuri. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 25 c., turi l-Madonna b'Ġesù Bambin li qed tidher lil Sant'Antnin ta' Padova. San Feliċ jidher għarkupptejh, fuq il-lemin, b'idejh maqgħudin flimkien, b'rasu baxxuta f'att ta' adorazzjoni quddiem din id-dehra tas-sema. Din l-istess bolla tidher ukoll f'din is-serje fuq sfond ħamrani u bil-valur ta' 5c.




**17.** Qaddis ieħor magħruf, San Paskal Baylon li baqa' magħruf ħafna għad-devozzjoni kbira li kellu lejn Ġesù Ewkaristija. Fis-17 ta' Lulju 1955, il-Brażil fakkar is-36 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali b'serje ta' żewg valuri. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 2,70 cr., turi lil dan il-qaddis f'estasi quddiem l-



Ewkaristija magħluqa f'ostonsorju fiċ-ċentru ta' Salib. Id-disinn ta' din il-bolla huwa ta' Fr. Damaszen Hahnel OFM, pittur li twieled fil-Ġermanja u miet fil-Brażil fl-1930.



**18.** Spanja wkoll fakkret lil dan il-qaddis devot ta' l-Ewkaristija b'din il-bolla sabiħa li ħarġet fl-1997 u li ġġib il-valur ta' 32pta. Il-bolla turi lil dan il-qaddis liebes il-libsa Franġiskana, f'mument ta' estasi jħares lejn is-sema.

**19.** L-aħħar qaddis Franġiskan li nixtiequ nippreżentaw f'din is-serje, u forsi l-aktar qaddis populari ta' żminijietna huwa San Piju minn Pietrelcina (1887-1968). Ma setax ikun li qaddis bħal dan ma jsibx ruħu wkoll fost il-persunaġġi li jidhru fuq tant bolol differenti. L-Istat tal-Vatikan fakkar l-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni ta' dan il-patri Kapuċ-ċin tal-Pjagi b'din il-bolla li ġġib il-valur ta' 800 l., u b'fuljett li ħarġu fis-27 t'April







1999. Fin-naħa ta' fuq ta' dan il-fuljett juri lil dan il-patri jbierek. In-naħa t'isfel (xellug) tidher il-knisja u l-kunvent ta' San Giovanni Rotondo li fih għex P.Piju għal tant snin. Fuq in-naħa tal-lemin isfel, jidher mudell tal-knisja kbira li qed tinbena f'dan l-istess post biex tkun tista' tesa' aktar pellegrini.




20. L-Italja fakkret ukoll il-Beatifikazzjoni ta' Patri Piju b'bolla li turi lil dan il-patri flimkien mal-kunvent l-antik fl-isfond tal-bolla. Il-bolla ħarġet fit-23 ta' Settembru 1998. Il-bolla ġġib il-valur ta' 800 l.

21. L-Italja ħarġet ukoll bolla oħra biex tfakkar il-Kanonizazzjoni ta' San Piju minn Pietrelcina, avveniment kbir li ħonoq Pjazza San Pietru u l-inħawi ta' madwar. Il-bolla li ħarġet fis-16 ta' Ġunju 2002, turi l-wiċċ ta' dan il-qaddis. Fuq in-naħa tal-lemin jidher l-isptar li waqqaf dan il-patri tat-tbatija. Fuqnett, fuq in-naħa tal-lemin, tidher il-pjanta tal-knisja l-ġdida li qed tinbena b'San Giovanni Rotondo, il-post fejn Patri Piju qatta' ħafna minn ħajtu. Il-bolla ġġib il-valur ta' 0.41 euro.




22. L-Irlanda wkoll fakkar din l-okkażjoni b'bolla sabiħa li ħarġet fl-2002. Il-bolla inkwadrata fi kwadru blu, turi wiċċ il-qaddis u ġġib il-valur ta' 41c. Fuq in-naħa t'isfel iġġib il-kliem "St. Pio of Pietrelcina (1887-1968)".




***Dawn kienu xi wħud mill-isbaħ bolol ta' xi qaddisin Franġiskani. Hemm bosta bolli oħra, imma, minħabba li l-ispazju kien limitat, kellna nagħmlu għażla. Nittamaw li din is-serje ta' disa' puntati ta' bolol b'temi Franġiskani kienet ta' interess għall-qarrejja ta' din ir-rivista "Dawl Franġiskan". L-għan ta' din is-serje ma kienx biss li nippreżentaw dawn il-bolol, imma wkoll li permezz tagħhom inkomplu nsiru nafu aktar dwar il-ħajja u l-messaġġ ta' dawn il-qaddisin li jsibu l-ideal tagħhom f'Missierna San Franġisk t'Assisi.***

# Ir-raġel tiegħi sar idejjaqni ma' djuli

*Father, jien mara miżżewġa li għadni kemm dħalt fil-ħamsinijiet. Għaddejja minn żmien ikrah fiż-żwieġ tiegħi. Dan l-aħħar bdejt nara lir-raġel tiegħi b'lenti oħra milli kont narah qabel. Sa ftit ilu kien għadu jogħġobni. Issa sar idejjaqni anki jekk nara biss id-dell jew nisma' n-nifs tiegħu. Sirt nieħu qatgħa nisimgħu jdaħħal iċ-ċavetta fis-serratura tal-bieb, għax nintebaħ li spiċċa mix-xogħol u se jkun id-dar mill-ġdid idur u jagħqad miegħi. F'kelma waħda, sar idejjaqni narah quddiemi, iżjed u iżjed ma' djuli. Jekk tistaqsini kif sirt hekk, ma nkunx kapaċi ngħidlek għax hu raġel sew u naf li mhux biss iħobbni imma jadurani. Mur għidlu kemm sirt nabborrih! Meta jiena ma għandix wiċċ ħaddieħor u hu ma qiegħed jagħmilli xejn, kif qiegħed jiġrili hekk?*



minn **P. William AXIAQ** OFMCap.

Kos, kif aħna nagħmulin u kemm aħna misterjużi fil-mod kif nirreaġixxu fir-relazzjonijiet tagħna ma' l-oħrajn, saħansitra ma' persuni qrib tagħna u jħobbuna! Mur ifhimna!

Naħseb li dak li qiegħed jiġrilek huwa kollu ġej mill burdati li qiegħda ssib ruħek fihom bħala mara li issa wasalt f'ċerta età. Fil-menopawsa tagħha l-mara ma tibqax dak li kienet qabel. Il-*feelings* tagħha jibdew jinbidlu ġieli b'mod stramb u kurjuż. F'dan iż-żmien id-*discharge* ta' ċerti *hormones* fiċ-ċirkulazzjoni tad-demm iġib miegħu bidliet radikali fil-mod kif tibda ġġib ruħha ma' l-oħrajn, speċjalment ma' dawk li s-soltu jkunu ħafna qrib tagħha, bħalma hu r-raġel.

Ħafna drabi nkunu f'idejn burdati warrab rasek minnhom. Dawn ibiddlu ferm ġo fina dawk id-dispożizzjonijiet, atteġġjamenti u mġiba li s-soltu konna narawhom f'posthom għal kollox.

Fuq il-ħamsinijiet il-mara ma trid xejn biex issir irritabbli ħafna iżjed mis-soltu u ċerti affarijiet jibdew idejquha għal xejn b'xejn. Il-burdati jkunu qegħdin jilagħbu biha. Iva, xi wħud min-nisa ta' l-età tiegħek hekk jiġrilhom kif qed jiġri lilek. Ara ftit kif intom magħmulin!

Dak li għedtlek s'issa għedthulek biex nurik li dak li qed jiġrilek huwa naturali għall-aħħar u huwa kkonsidrat minn persuni esperti fil-menopawsa tal-mara. Ma għandekx għaliex toqgħod tinkwieta. Minn hawn u ftit ieħor terġa' tiġi għan-normal. Anki l-baħar ikompli t-taqlib minn taħt imma mbagħad jerġa' jfeċċ il-bnazzi.

Dan kollu, iżda, ma jfissirx li dak li qed iġġarrab ma jistax ikun ġej ukoll minn xi ħaġa f'żewġek li qiegħda tittikak u forsi mhux qed tfittex x'inhi. F'dan il-każ din ix-xi ħaġa tista' tkun inkonxja, m'intix tinduna biha u lanqas tista' tinduna biha mingħajr l-għajnuna ta' xi ħadd li jista' jgħinek togħdos fis-*psiche* tiegħek. Malli ssib xi tkun, ġewwa x-xileb għax issir *aware* tagħha, tibda taħdem fuqha u wara ftit taż-żmien toħroġ mid-diffikultà li tinsab fiha fil-preżent.

Barra minn hekk tagħmel tajjeb tpoġġi *set of questions* lilek innifsek dwar dak li qed jiġrilek u tipprova a kwalunkwe kost tweġibhom.

Kulma għedtlek ma jfissirx, iżda, li inti ma għandekx tibqa' passiva quddiem dak li qiegħda tħoss. Trid tagħmel l-almu tiegħek kollu biex possibbilment tikkontrolla u tirbaħ dawn l-umuri li għaddejja minnhom. Alla żejjinna bir-rieda biex meta nsibu ruħna f'sitwazzjonijiet imwiegħra nkunu kapaċi nieħdu t-tmun f'idejna u mmexxu lilna nfusna aħna stess u mhux dawk l-affarijiet li nkunu qegħdin inħossu, spinti għomja. Dan kollu tista' tagħmlu billi meta ssib ruħek fil-baħar li semmejt tagħmel atti kuntrarji għall-emozjonijiet tiegħek. Per eżempju, tgħid lilek innifsek: "Avolja qed inħoss dawn il-*feelings* ġo fija kontra żewġi, jien xorta waħda rrid nibqa' nħobbu". Barra minn hekk, meta jkun ma' ġenbek, ipprova għamel sforz u kellmu bil-ħlewwa, għaddilhu kumplimenti jew fisdu ftit avolja kontra qalbek. Atti bħal dawn jgħinuk biex ma tintelaqx għal dak li tkun qed tħoss li ma għandekx tagħmel. B'hekk tibda tieħu r-ruħ u terġa' għalli kont mar-raġel tiegħek, jekk ma ssirx aħjar fir-relazzjonijiet tiegħek miegħu.

Jidhirli li bir-risposta li ppruvajt nagħtik qarrib xi ftit lejn il-verità tal-każ tiegħek u offrejtlek almenu ftit tad-dawl. Ħu dak li għaddejja minnu bi ftit umoriżmu u idħaklu ż-żmien li ġej! ❑



# KUBA u l-istorja tagħha

IT-TNAX-IL PARTI




minn *P. Philip CUTAJAR OFMCap*

## IR-RELIĠJON F'KUBA

### Santerija

Il-panorama reliġjuż f'Kuba ma jkunx komplut jekk ma nagħmilx riferenza għal kult Afriko-Kuban li huwa pprattikat fil-pajjiż. Hekk kif f'Haiti għandek il-*vudù* u fil-Brażil għandek il-*macumba*, f'Kuba hawn dak li jsejħulu *SANTERIJA*. Dan huwa sinkretiżmu, bħal taħlita bejn ir-reliġjon kattolika mxettla f'Kuba mill-Ispanjoli u l-kult Afrikan li daħħlu fil-pajjiż l-iskjavi miġjuba mill-kontinent iswed mill-kolonjalizaturi Spanjoli sa mis-sena 1550 biex ilaħħqu mal-produzzjoni taz-zokkor. Din it-taħlita saret minħabba li kien ipprojbit għall-iskjavi Afrikani li jkomplu jaduraw l-idoli tagħhom. Ir-reliġjon u l-kult kattoliku ġew imposti fuqhom. X'ġara? Ġara li meta dawk li llum huma dixxendenti tal-iskjavi Afrikani jidħlu fil knejjes kattoliċi jmorrru quddiem l-istatwi ta' Kristu, tal-Madonna u tal-qaddisin u skond il-kulur tal-libsa li jkollha l-istatwa iqabbluha ma' idolu partikulari marbut ma' dak il-kulur speċifiku. Permezz ta' din il-forma għandek taħlita tal-qaddisin insara ma' l-idoli Afrikani, b'konfużjoni li ħolqot is-sinkretiżmu reliġjuż Kuban speċjalment fin-nies dixxendenti mill-isjkavi fil-maġġuranza tagħhom *negros* jew ta' kulur ismar.

Sabiex nagħtu eżempju, għandek l-istatwa tal-Madonna *"Virgen de la Caridad del Cobre"*, li hija l-patruna ta' Kuba u hija mlibbsa libsa bajda, għal dawn in-nies din l-istatwa tirrappreżenta l-idolu African Ochun. Il-Madonna tal-Ħniena hija Obatà. Il-Madonna Marija Sultana hija l-idolu Yemayà. Dawn kollha huma ġejjin minn Olofì li huwa alla li ħalaq id-dinja. Żewġ qaddisin ferm popolari ma' dawk li jeżerċitaw is-Santerija huma San Lazzru u Santa Barbara.

Minħabba dan il-fenomenu reliġjuż tas-Santerija l-Knisja Kattolika hija attenta ħafna u timxi b'delikatezza kbira. Qabel it-tqarbin kważi dejjem navżaw sabiex jitilgħu jitqarbnu dawk li huma kattoliċi. Fil-knisja jkollok nies li bl-akbar devozzjoni tarahom jagħtu qima lill-istatwi b'talb, fjuri u xemgħat però f'moħħhom u f'qalbhom ma jkollhomx lil Kristu, lill-Madonna jew lil Sant'Antnin imma xi idolu Afrikan. Is-Santerija l-aktar li hija mifruxa huwa n-naħa t'isfel ta' Kuba, però niltaqgħu magħha anke f'Habana u mhux inqas f'Santa Clara.





***Xellug Fuq:** Mara Santera li t-turist jiltaqa' magħha fil-pjazez u fit-toroq u jkun mistieden biex jersaq lejha bil-għan li hija, bl-għajnuna tal-karti, taqralu x-xorti u l-futur. Is-Santeriżmu huwa taħlita tar-reliġjonijiet Afrikani ma' dik Kattolika. Fil-fatt fuq id-dvalja tal mejda jidhru l-figuri tal-kalċi u l-ostja.*

***Isfel:** Uħud mill-affarijie, fosthom oġġetti reliġjużi, li jintużaw fis-Santerija.*

Fiż-żewġ provinċji ta' Ricon u ta' Guanabacoa għandek żewġ mużewijiet li jippreżentaw dawn l-idoli bħala parti mill-istorja, mill-kultura u mill-wirt Kuban, speċjalment fejn imiss mal-maġija ta' l-iskjavi Afrikani ħalli jaħdmu fil-kannamieri.

Dawn l-Afriko-Kubani fil-kult tagħhom għandhom il-qassisin tagħhom. Huma jmorru għandhom f'xi saram, mard jew mewt. Mhux l-ewwel darba li l-qassis tagħhom jgħidilhom li biex ifiqu mill-marda li jkollhom jew sabiex missierhom li jkun miet isalva jridu jmorru fi knisja Kattolika u joffru kif ukoll jattendu għal żewġ quddisiet. Huma għandhom rispett kbir għall-Knisja Kattolika.

Reliġjonijiet oħra bi preżenza ta' minorità huma l-Protestanti, li daħlu f'Kuba fl-epoka ta' l-influwenza ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Dawn mhumiex aktar mill-wieħed fil-mija tal-popolazzjoni Kubana. Hawn xi ftit Lhud. Ix-xhieda ta' Jehova huma l-aktar setta li hija msemmija u li tinħass għalkemm mhix kbira fil-kwantità ta' membri. ❑

**Min jixtieq jikkomunika ma' P. Philip Cutajar, jista' jikteb f'dan l-indirizz:**
**Parroquia Santa Ana, Ap.do. 144 - Santa Clara 50100 - Villa Clara - CUBA.**
**Tel. 0053 42 206 554 • E-Mail: dei@cocc.co.cu**

# IL-PROĠETT VARELA (1)

Kulħadd jaf li l-gżira ta' Kuba għal dawn l-aħħar 43 sena kienet u għadha maħkuma minn sistema komunista-soċjalista skond it-teorija atea ta' Karl Marx. Il-Comandante en Jefe Fidel Castro Ruz, madwar tliet snin wara li ħa l-ħakma f'idejh fl-1959, permezz ta' l-hekk imsejjaħ *el triunfo de la Rivolución* kontra l-gvern immexxi mill-Battista, mexxa lil pajjiżu lejn il-blokk russu komunista marxista. Dan kien ifisser li issa l-gvern ta' Kuba ried jadotta s-sistema komunista hekk imħaddna mir-Russja mhux biss fl-attitudni kontra l-Amerika (U.S.A.) fi gwerra bierda tas-snin sittinijiet u sebgħinijiet imma wkoll f'dik li hija sistema ta' tmexxija u fl-attitudni kontra l-Knisja Kattolika.

Mat-trijonf tar-revoluzzjoni Kuba għaddiet minn tibdiliet radikali kważi f'kull livell tal-ħajja soċjali, politika, kulturali u reliġjuża. F'diversi oqsma tal-ħajja soċjali, speċjalment fejn tidħol is-saħħa medika, l-edukazzjoni, ix-xjenza u l-kultura sar progress; fl-istess waqt fejn tidħol ħajja politika u demokrazija daħlu sistemi ġodda li ma jaqblux mas-sistema demokratika hekk kif nifhmuha aħna fl-Ewropa u hekk kif inhi preżentata mill-Karta tad-Drittijiet Umani. L-istess fejn jidħol il-kult ħieles u l-libertà reliġjuża nħolqot sistema ta' persekuzzjoni speċjalment kontra l-Knisja Kattolika.


*P. Felix Varela*

Fejn tidħol l-amministrazzjoni tas-setgħat tal-gvern inbiddlet is-sistema ta' l-elezzjonijiet u nħolqot is-sistema ta' partit wieħed, dak immexxi minn Fidel Castro, fejn, għalkemm isiru elezzjonijiet però mhux biex tagħżel partit minn ieħor imma pjuttost biex tagħżel kandidat minn ieħor membri fl-istess partit u ppreżentati mill-istess partit uniku.

Fejn tidħol ir-relazzjoni bejn Stat u Knisja nħolqot atmosfera ta' persekuzzjoni kontra kull min jistqarr jew juri li huwa kattoliku. Għalkemm fil-preżent ir-relazzjoni bejn Stat u Knisja tjiebu, speċjalment minn wara l-viżta tal-Papa 'l hawn, però għal kważi aktar minn tletin sena ħafna kienu dawk li kellhom jitilqgħu għal kollox il-prattika reliġjuża u jitbiegħdu mill-bibien tal-knejjes biex ma jitilfux il-karriera, ix-xogħol jew xi opportunità oħra li l-gvern biss jista' jagħtihielek għax kollox huwa f'idejh. Hemm min jistaqsi jekk l-insara kattoliċi Kubani ta' erbgħin sena ilu kinux ippreparati għal din il-bidla li seħħet f'pajjiżhom. Mhux faċli tagħti ġudizzju u tikkundanna. L-istorja hija tant kumplessa u l-kawżi huma tant diversi li biex wieħed ikun oġġettiv irid joqgħod ferm attent kif jiġġudika dak li ġara. Issa, wara erbgħin sena ta' storja, wieħed jista' jgħid li l-Knisja ġiet ippurifikata min-nar jaħraq... imma dejjem ġiet ippurifikata bit-tama li dejjem tkompli tikber u timmatura fi knisja adulta u konvinta. In-nar mhux biss iweġġa' imma wkoll indaddaf, jippurifika u jrattab il-materjal sabiex jieħu forma ġdida u aħjar. Din hija t-tama tal-Knisja f'Kuba għall-futur.

Quddiem din is-sitwazzjoni l-poplu Kuban baqa' sieket għal snin twal. Ħadd ma kien jissogra jitkellem. Dan ma jistax jingħad għall-Knisja Kattolika li meta nħass il-bżonn l-isqfijiet dejjem ippubblikaw Ittri Pastorali bil-għan li jiggwidaw u jmexxu lill-insara leali. Però matul dawn l-aħħar snin fil-ħajja soċjali u politika tal-poplu Kuban beda jidher riħ ta' bidla fl-attitudni tan-nies. Bdiet tinħoloq oppożizzjoni, gruppi żgħar tollerati mill-istess gvern li bdew jitkellmu fuq id-drittijiet umani. Minn Miami, permezz tar-*Radio Martì* bdew jixxandru programmi kontra t-tmexxija ta' Fidel Castro. Fejn qabel il-poplu kien sieket... donnu jistenna li jiġri xi ħaġa... xi miraklu li jġib il-bidla; issa l-poplu, għalkemm f'minoranza ferm żgħira, beda jitkellem, beda juri l-fehmiet u l-opinjonijiet differenti tiegħu, beda jitlef dak il-biża' li kien qed iżommu magħluq fih innifsu u jaċċetta kollox bla ebda diskussjoni.

F'dan il-kuntest, wara preparazzjoni ta' snin, inħoloq l-hekk imsejjaħ *El Proyecto Varela* – Il-Proġett Varela. Qabel ma ngħid fiex jikkonsisti dan il-proġett nixtieq nikteb xi ħaġa fil-qosor dwar l-isem VARELA. *Ikompli f'Jannar*

# Il-Milied Veru

minn *Elaine ABELA Gi.Fra.*

Reġa' wasal il-Milied u miegħu t-tiżjin tas-siġra tal-Milied, il-Bambin, il-presepju, id-dwal u kull mezz biex nimlew kull rokna tad-djar tagħna b'affarijiet tal-Milied. Ma' dawn ta' min wieħed ma jinsix ukoll l-ikliet, il-kartolini li nitbagħtu kif ukoll ir-rigali li jinxtraw u li noqogħdu nagħżlu bir-reqqa. Però hawnhekk tqum mistoqsija: hekk kif jgħaddi l-Milied, li nsejħulu żmien ta' hena u paċi, x'jibqa'?

Veru li matul dan il-perjodu hemm dik ix-xi ħaġa li hija impossibbli li wieħed jispjega u li hija tant u tant qawwija għaliex tgħin u bħal donnha tagħmel l-affarijiet aktar faċli biex inżommu l-għaqda bejnietna. Fil-fatt din l-għaqda nħossuha mhux bejnietna biss imma anke bejn nies li jinsabu mili 'l bogħod minna madwar id-dinja. Jekk naraw lil xi wħud li huma miġġielda arana lesti biex naraw kif nagħmlu ħalli nerġgħu ngħaqqduhom. Barra minn hekk ma jonqosx ukoll li niftakru f'min hu inqas ixxurtjat minna. Kemm huma affarijiet sbieħ! Però, jekk tagħsar l-affarijiet, għalfejn insibuha aktar faċli li nagħmlu dan f'dawn iż-żminijiet imma fil-kumplament tas-sena ninsew kemm hi sabiħa l-hena u l-paċi li nħossu meta nagħmlu dan?

Kemm-il darba tisma' lil min jgħidlek li "Kellu bżonn il-Milied ikun is-sena kollha!" Din hija fil-fatt xi ħaġa li kollna kemm aħna nixtiequ li sseħħ. Imma ħaġa oħra li rridu nqisu hi li anki l-Milied qegħdin bil-mod il-mod nippruvaw inħassruh għaliex illum il-ġurnata qegħdin nibbażaw fuq ħafna affarijiet materjali u ninsew il-veru spirtu tal-Milied. Per eżempju, meta niġu biex nagħżlu xi rigal inkunu aktar moħħna biex dak li jkun ma joqgħodx jgħid bina milli biex nagħtu dik ix-xi ħaġa minn qalbna.

Però, kemm hawn min huwa fqir u xorta huwa hieni u kuntent, iktar u iktar f'dawn iż-żminijiet. Tarahom jirnexxilhom jagħtuk ħafna sempliċement għax dak il-ftit li jkollhom ikunu lesti li jaqsmuh ma' l-oħrajn. Imbagħad xi ngħidu għal dawk il-ħafna rġiel li kontra qalbhom ikollhom imorru jiġġieldu u li għalihom lanqas f'din il-ġurnata ma hemm serħan fil-kumbattiment għax jew jiġġieldu jew imutu? Kemm hawn persuni oħrajn li m'għandhomx ix-xorti bħalna li l-Milied iqattgħuh magħqudin flimkien mal-familjari tagħhom jew għax mietu jew anki minħabba li jinsabu msifrin!

Ejjew flimkien nippruvaw niċċelebraw u nerġgħu nġeddu dak l-ewwel Milied meta twieled Ġesù ġewwa Betlehem. Dak l-ewwel Milied ma kienx fih tlellix u lanqas affarijiet materjali. Barra minn hekk dan jgħinna wkoll nidħlu f'qoxritna u niftakru f'dawk il-ħafna nies li jkunu jħossuhom waħedhom għal xi raġuni jew oħra billi mqar nagħmlulhom kumpanija. Ejjew mela ilkoll flimkien nagħtu sehemna sabiex ikollna Milied is-sena kollha u mhux biss darba f'sena. Kulħadd jaqbel li huwa żmien tassew sabiħ u ħadd minna ma jkun jixtieq jgħaddi. Imma dan jiddependi minn kemm aħna nagħtu sehemna u ngħinu sabiex dan jirnexxi. Barra minn hekk nippruvaw li bil-parti żgħira tagħna nagħmlu dik ix-xi ħaġa biex dan il-Milied ikun wieħed ta' veru u mhux ieħor li nħalluh jgħaddi qisu qatt ma ġie. Nippruvaw ukoll ngħożżu dak li huwa Milied veru u ngħixu bih u miegħu f'qalbna matul is-sena ħalli b'hekk ikollna l-Milied is-sena kollha.

**Il-Milied u s-Sena t-Tajba.**





# PROFESSJONI PERPETWA

Nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Novembru, **Ħuna Eric Vella** għamel il-Professjoni Perpetwa fil-knisja tagħna tas-Salib Imqaddes, Kapuċċini, Floriana. Il-quddiesa ġiet immexxija mill-Ministru Provinċjali, P. Crispin Tabone, li rċieva wkoll il-wegħdiet ta' Ħuna Br Eric. Kienu bosta l-Aħwa Kapuċċini li ħadu sehem fil-konċelebrazzjoni li bdiet fis-6.30 p.m. Ngħollu t-tifħir tagħna lil Alla għal dan ir-rigal li qed jagħti lill-Provinċja tagħna.

Br Eric ħalla l-fraternità tal-Floriana fejn kien għal dawn l-aħħar snin biex issa ngħaqad mal-fraternità ta' San Ġwann. Lil dan Ħuna nifirħulu u nawgurawlu mill-qalb biex dak li wiegħed lil Alla jwettqu b'qalbu kollha.

## Laqgħa għaċ-Chaplains tal-Pulizija

Bejn it-Tnejn 7 t'Ottubru u l-Ħamis 10 t'Ottubru, Ħuna P. Raymond Bonnici attenda Konferenza organizzata mill-*National Association of Chaplains of the Police* li saret Derby, l-Ingilterra.

It-tema tal-Konferenza kienet *The Changing Police Service* u għaliha attendew 70 delegat li lkoll huma *chaplains* fil-Pulizija. Ħuna Raymond kien mistieden biex jattendi għal din il-Konferenza minħabba l-ħidma pastorali tiegħu fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta bħala wieħed miċ-*chaplains* li, flimkien ma' Ħuna P. Raniero Zammit, qegħdin jagħtu s-servizz tagħhom f'isem il-Provinċja.

Il-kelliema fil-Konferenza kienu jinkludu fost l-oħrajn lil HMI Robin Field Smith li huwa l-persuna inkarigat mit-taħriġ għall-forzi tal-Pulizija fl-Ingilterra. Dawn il-Konferenzi jservu biex isir qsim ta' informazzjoni bejn iċ-*chaplains* u jiġu stabbiliti kuntatti ġodda li jgħinu fil-ħidma pastorali f'dan il-qasam.



*P. Raymond Bonnici fuq quddiemnett.*

## Bro. Mario Attard ordnat Djaknu

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Ottubru 2002, Br Mario Attard OFMCap, wieħed mill-Aħwa fil-Fraternità Franġiskana Kapuċċina fil-parroċċa ta' San Ġwann, irċieva l-Ordni tad-Djakonat, flimkien ma' disa' oħra, minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fil-knisja parrokkjali ta' Santa Katerina fiż-Żejtun. Br Mario kkontribwixxa b'diversi kitbiet f'din ir-rivista. Għal din l-okkażjoni, fil-mixja lejn il-Presbiterat, nifirħu lil Br Mario u nawgurawlu ħajja reliġjuża intensa, ħidma pastorali fejjieda u suċċess fl-istudji li fadallu.



## ĦATRIET ĠODDA

### • P. FRANĠISKU AZZOPARDI

Dan l-aħħar, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħatar lil Ħuna **P. Franġisku Azzopardi OFMCap** Konsultur tal-Kummissjoni Pontifiċja tal-Wirt Kulturali tal-Knisja, li twaqqfet mill-istess Papa fl-1988. Id-dokument imsejjaħ *Biglietto* jġib id-data ta' l-4 ta' Ġunju 2002, bil-firma tal-Kardinal Angelo Sodano, Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan. In-nomina ta' P. Franġisku dehret ukoll fl-*Osservatore Romano* (Edizzjoni bl-Ingliż nru 28, 10.07.'02, p.8).

Bejn is-17 u d-19 t'Ottubru 2002, Ħuna Patri Franġisku Azzopardi ħa sehem fir-Raba' Assemblea tal-Kummissjoni Pontifiċja mwaqqfa mill-Papa Ġwanni Pawlu II biex tħares u żżomm il-ġid kulturali tal-Knisja fid-dinja.



F'din il-laqgħa, li nżammet fil-Palazz tal-Kanċillerija Appostolika, ħadu sehem madwar 50 membru minn bosta pajjiżi, fosthom 5 Kardinali u għadd sabiħ ta' Arċisqfijiet; oħrajn professuri u speċjalisti f'dan il-qasam li l-Knisja tqisu bħala mezz adatt ħafna fil-ħidma tagħha pastorali u edukattiva.

Matul din il-laqgħa, P. Franġisku għamel intervent fejn tkellem dwar l-eqdem Biblijoteka tal-Provinċja ta' Malta li taf il-bidu tagħha mill-1590. Hu wera li, mill-inkjesta li kienet saret fl-1598 fil-Biblijoteka tal-Kapuċċini f'Malta, kien hemm madwar 80 volum stampati matul is-seklu sittax u 4 inkunabuli stampati fis-seklu ħmistax. Barra minn dawn il-kotba tal-Biblijoteka, kien hemm 84 volum ieħor fl-użu privat ta' 5 patrijiet Maltin. B'xorti ħażina, ftit minn dawn il-kotba għadhom jeżistu, imma b'dan kollu il-Biblijoteka tallum fiha aktar minn 26,000 ktieb.

Qabel din l-Assemblea, P. Franġisku, bħala soċju ordinarju tas-Soċjetà Internazzjonali ta' l-Istudji Franġiskani, kien mistieden għat-30 Konvenju li sar f'Assisi bejn id-9 u l-11 t'Ottubru 2002. Billi din is-sena taħbat l-ewwel mitt anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà (1902) mill-istudjuż tal-Franġiskaniżmu modern Paul Sabatier, il-Konvenju kien iddedikat lilu.

Nifirħu lil P. Franġisku għal din il-ħatra tiegħu u nirringrazzjawh tal-ħidma tiegħu f'dan il-qasam u nawgurawlu.

### • P. ANTON BRIFFA

B'digriet maħruġ mill-Kurja ta' l-Arċisqof, li jġib id-data tas-6 ta' Lulju 2002, **Ħuna Patri Anton Briffa OFMCap** ġie maħtur għal tliet snin bħala Direttur Spiritwali ta' l-Assoċjazzjoni Maltija ta' l-*iScouts*. P. Anton ilu għal dawn l-aħħar snin jaqdi dan il-ministeru ma' l-*iScouts*.



Barra minn dan il-ministeru, P. Anton Briffa ġie magħżul mill-Arċipriet u l-kleru tal-Parroċċa Arċipretali taż-Żurrieq bħala Maestro di Cappella ta' din il-knisja wara l-mewt ta' Dun Mikiel D'Amato. Dan ifisser li P. Anton ser jibda jmexxi l-mużika u l-kant matul iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru f'din il-knisja matul il-jiem tal-festa ta' Santa Katerina ta' Lixandra, kif diġà għamel għall-ewwel darba fil-festa ta' din is-sena.

P. Anton Briffa kien studja l-mużika Ruma u ħa l-Liċenzjat fil-Polifonija Sagra u *Masters* fil-Kant Gregorjan mill-*Pontifico Istituto di Musica Sacra* f'Ruma, kif ukoll LLCM mill-*London College of Music*.

Nawguraw lil P. Anton f'dawn il-ħatriet ġodda tiegħu.

## RIKONOXXIMENT



**Ħuna P. Leopoldu Tabone OFMCap** irċieva l-midalja tal-"Mertu San Ġwann" f'ċerimonja organizzata mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann. Dan il-ġest sar bħala turija ta' apprezzament għax-xogħol li P. Leopoldu wettaq għal bosta snin f'din il-lokalità ta' San Ġwann, fejn kien l-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa. Nifirħulu minn qalbna.



# Carwash b'riżq il-Missjoni

Kien is-Sibt 7 ta' Settembru. Sa minn kmieni fis-6:30am fiċ-ċentru tal-belt Victoria f'Għawdex, numru sabiħ ta' tfal kienu ġa fuq saqajhom. Harġet ġurnata sabiħa ħafna. It-tfal li jagħmlu parti mill-**Kor Fjur t'Assisi**, il-kor tal-knisja tal-Kapuccini fir-Rabat Għawdex ġiethom xewqa li jagħmlu xi ħaġa ta' ġid li minnha jgawdu huma u fl-istess ħin ikunu qed jgħinu lil ħaddieħor. Id-deċiżjoni finali saret: *Car Wash* kbira ... kollox bil-lira. Jgħinu f'din l-azzjoni kien hemm l-abbatini ta' l-istess knisja u anke xi ġenituri ta' l-istess tfal. Matul il-jum inħolqot atmosfera sabiħa. L-armonija u l-gost li ħadu t-tfal waqt il-ħasil tħalltu flimkien ma' l-ispettaklu li ħolqu bosta kantanti mistiedna. Dan kollu wassal biex kulħadd ħa gost. F'qasir ħin inġabret is-somma ta' Lm 253. Kif kien ippjanat, nofs is-somma (Lm125) ġiet ippreżentata lill-Provincjal, Patri Crispin Tabone OFM Cap, waqt il-quddiesa tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja b'riżq it-tfal li l-Missjunarji Kapuccini jieħdu ħsieb fil-Kenja. In-nofs l-ieħor mar fil-fond tat-tfal tal-Kor tal-Kapuccini fir-Rabat Għawdex u se jintużaw biex jitħallsu l-ispejjeż għall-produzzjoni tat-tieni CD tal-**Kor Fjur t' Assisi** li mistenni joħroġ f'għeluq il-ħames sena mit-twaqqif ta' l-istess Kor. Meta mistoqsija jagħtu l-kummenti tagħhom, il-Gwardjan Patri Pawl Bugeja u d-direttur tal-kor is-sur George Cremona, irringrazzjaw lil kull min ta sehmu u qalu li dan il-ġest li t-tfal għamlu minn qalbhom juri kemm jista' jsir ġid meta wieħed jaħdem id f'id u, flok jaħseb biss fih innfisu, jaħseb f'ħaddieħor ukoll.

Dan il-ġest ħajjar ukoll lill-Kumitat Festi Esterni Madonna tal-Grazzja biex iżjed ma' din il-ġabra l-għotja ta' Lm 56. Hajr lil dawn il-benefatturi żgħar u kbar tal-missjoni.

## PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA

L-Aħwa tal-fraternità ta' Għawdex għadhom kemm ippubblikaw ktieb li jġib l-isem "Għal Servizz Aħjar: tagħrif għall-Abbatini." Anthony Galea, l-awtur żagħżugħ ta' dan il-ktejjeb, wara li s-sena l-oħra kien ippubblika "Għall-Qadi ta' Alla", issa ħass li jkun f'postu jagħti tagħrif fuq partijiet u oġġetti li jinsabu u jintużaw fil-knisja marbutin maċ-Ċelebrazzjoni tal-Kelma u ta' l-Ewkaristija. Il-ktejjeb, ta' 36 paġna, jiġbor fih ħafna tagħrif utli kemm għall-abbatini nfushom kif ukoll għal min imexxihom. Jalla din il-pubblikazzjoni tnissel aktar qima, imħabba u rispett lejn il-qima ta' Alla.






## Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Għażiż Fr. Joe, nixtieq inġedded l-abbonament tiegħi fid-**Dawl Franġiskan**. Prosit tassew, kemm għat-tagħrif u kemm għall-preżentazzjoni. Qed nibgħat donazzjoni żgħira għall-missjoni. Il-Mulej iżomm idejh fuqek. Sliem. *L. Brockdorff - Ta' L-Ibraġ*

• Fr Joe Alessandro, din id-darba l-magazin **Dawl Franġiskan** fih artiklu ħelu wisq, u kif jgħidu l-Ingliżi *short but sweet*, anzi nazzarda ngħid *short but more than sweet*... "Il-fiducja fik - Mulej" ta' *Connie Holland*.

Artiklu żgħir imma ħelu għall-aħħar, mimli b'tagħlim profond, u juri li l-awtriċi trid taqsam mal-qarrejja l-fiduċja sħiħa li għandha fil-Mulej, u donnha qed tpoġġi kliemha fuq fomm il-qarrejja biex huma wkoll jidħlu f'intimità mal-Mulej u jitolbuh biex ikun għalihom dak il-Missier li fi ħdanu nintilfu għax b'fiduċja għamja nafu li hu ser jieħu ħsiebna.

Artiklu qasir imma sinifikanti għall-aħħar, għax juri li aħna bnedmin fraġli u d-dwejjaq jinksew magħna... imma ma niddisprawx għax għandna **Mulej** li fih għandna **fiducja kbira** tant li jbiddilna ħajjitna jekk nittamaw fih.

Jalla fil-magazin naraw aktar minn dawn l-artikli ħelwin u mexxejja... miktuba b'tant naturalezza, imma fl-istess ħin b' tema tant reali u sabiħa. Artikli bħal dawn żgur jagħmlu ħafna ġid. Prosit.

*F. Scicluna - Naxxar*

# SAWL
## Bniedem Tellief

minn Mons. Lawrenz SCIBERRAS

Ebda bniedem fil-Bibbja tat-Testment il-Qadim ma kellu tant okkażjonijiet ta' suċċessi fil-ħajja u tilifhom kważi kollha. Sawl mhux biss tilef opportunitajiet tad-deheb f'ħajtu, imma deliberament abbuża minnhom. Ix-xemx fil-bidu tal-karriera tiegħu telgħet b'saħħa straordinarja, imma niżlet u dallmet il-bqija kollha ta' ħajtu. Biżżejjed ngħidu li Sawl stess twieżen fuq il-lanza tiegħu u talab lil suldat minn niesu stess biex joqtlu. Fil-fatt hekk ġara. Il-waqgħa xejn stramba tiegħu hija frott ta' l-egoiżmu u s-suppervja li biha kien mimli.

Sawl ifisser mitlub mill-Mulej. Ismu jidher għal aktar minn 400 darba u dejjem fit-Testment il-Qadim. Fost personaġġi ewlenin tat-Testment il-Ġdid li jġibu l-isem ta' Sawl kien hemm dak ta' Tarsu, li wara beda jissejjaħ Pawlu.

### Midluk sultan

Ix-xewqa qawwija li b'tant insistenza kienu għamlu l-Lhud lil Samwel sa fl-aħħar kien wasal iż-żmien biex tiġi kompluta għaliex Alla għażlilhom lil Sawl, raġel twil u b'saħħtu mit-tribù ta' Benjamin. Missier Sawl kien tat-tajjeb u kellu ħafna merħliet. Darba minnhom intilfu xi ħmir u bagħat lil Sawl ifittixhom. Għaddew tlett ijiem u Sawl kien għadu ma sabhomx. Wasal f'belt fejn inzerta kien hemm Samwel. Il-jum ta' qabel, il-Mulej kien kellem lil Samwel u qallu: "Għada bħalissa nibgħatlek raġel mill-art ta' Benjamin u int idilku sultan tal-poplu tiegħi Iżrael, u hu jeħles il-poplu tiegħi minn idejn il-Filistin, għax rajt il-hemm tal-poplu tiegħi, u l-għajta tagħhom waslet sa għandi" (1 Sam 9, 16). Samwel kien imnebbaħ minn Alla dwar din il-ħaġa li kellu jtemm. Għalhekk ħa ż-żejt ikkonsagrat u tefgħu fuq ras Sawl, u dak il-ħin stess Sawl ħass il-qawwa ta' Alla fih. "Niżel fuqu u ħatfu l-ispirtu ta' Alla, u ntilef f'estasi ta' profeta". Kienet saret fih bidla interna, imma eventwalment forsi kienet ukoll il-kawża tal-waqgħa tiegħu stess.


*Sawl – partikular minn tieqa f'Sainte Chapelle, Pariġi.*

Ftit jiem biss wara d-dilka tiegħu, Sawl wera kemm tassew kien kapaċi jmexxi. Il-belt ta' Ġabes-Gilgħad sfat attakkata mis-sultan tal-Għammonin. Imqanqal minn Alla, Sawl ġabar xi nies miegħu u mar jaħbat għas-sultan tal-Għammonin u ħeles il-belt ta' Ġabes-Gilgħad. L-Iżraelin indunaw li Alla kien bagħtilhom lil Sawl biex ikun il-ħellies tagħhom, u għarfuh bħala s-sultan tagħhom. Ma' din ir-rebħa kien hemm ukoll dik fuq il-Filistin.

### Karattru fraġli

Fil-Bibbja bosta drabi hemm imsemmija xi nies ta' ħila u kuraġġ, nies li għamlu tant ġid lil nieshom il-Lhud u lil pajjiżhom, biex imbagħad spiċċaw f'falliment kbir u totali. Anko l-akbar eroj bibliċi kellhom il-waqgħat tagħhom. U ma' dawn il-personaġġi jidħol ukoll is-sultan Sawl. Dan kien bniedem li ħalla lil qalbu tikkontrolla u tikkondizzjona l-ħsibijiet ta' rasu. Dak li kien iħoss flimkien mas-sentimenti mexxew l-azzjonijiet ta' ħajtu. Suġġettivament dawn is-sentimenti

kienu tajbin u ġenwini, imma ma ħallewhx jaġixxi b'mod raġjonevoli. Prattikament hekk kien il-karattru ta' Sawl. U forsi għalhekk ukoll ma kienx kapaċi biex jiggverna; għaliex meta wieħed ma jipparteċipax fil-waqgħat tal-bnedmin, isir wieħed minnhom, u dan ma jistax jiggverna u jmexxi. David kien ukoll bniedem ta' bosta żbalji, imma ma tkaxkarx minnhom u magħhom.

Sawl beda jinduna li sħab iswed qed jinġema' madwaru. Dan kien fil-persuna ta' David iben Ġessi. Ta' min isemmi hawn ir-rebħa ta' David fuq il-ġgant Golija. Għalhekk Sawl beda jagħmel minn kollox biex jeħles minnu. Darba minnhom waddablu l-lanza tiegħu, imma David kien ħafif biżżejjed u sgiċċa. Karta oħra li lagħab Sawl biex jeħles minn David kienet il-konfront li kellu dwar bintu Mikol. Id-dota li Sawl talab minn David biex hekk iżewwiġlu lil bintu Mikol kienet mitt ħliefa tal-Filistin.

Il-profeta Sawmel kien imqabbad minn Alla biex imur jgħidlu li ma kellux jibqa' jsaltan. Imma Sawl ma riedx iċedi. Qalbu issa kienet intrabtet wisq mat-tron. Samwel dar biex jiltaq, u s-sultan qabdu mill-mantar biex jiġbdu lura. Imma l-mantar iċċarrat. Dan kien sinjal li Alla qed jeħodlu s-setgħa minn idejh. Hekk qallu Samwel: "Illum il-Mulej ċarratlek is-saltna minn idejk" (1 Sam 15, 28).

Bosta għorrief studjaw bir-reqqa l-karattru ta' Sawl u waslu biex jikkonkludu li dan is-sultan kien juri ħniena ma' min kien krudil, u spiċċa biex ikun krudil u iebes ma' min kien ħanin. Forsi dan jidher li huwa xi ftit stramb. Imma Sawl, li ma wasal qatt biex qatel lil Amelekin ukoll jekk ikkmandat, wasal imbagħad biex qatel qassisin, irġiel, nisa u tfal innoċenti. Sawl ma kienx ta' intern ħażin u li jġib, imma bniedem li qatt ma kiber, baqa' tifel. U għalhekk jidher li huwa qatt ma kien f'sensih meta dineb imma aġixxa u min għalih kien qed jagħmel it-tajjeb. Ukoll meta ppersegwita bis-sħiħ lil David, fil-fond ta' qalbu Sawl baqa' jħobbu. Sawl kien ossessjonat u mwerwer li se jitlef is-saltna mingħajr ma jgħaddiha lil ħadd mill-familja tiegħu. U għalkemm kien qed jara lil David bħala l-għadu numru wieħed tiegħu, Sawl xorta waħda baqa' jsejjaħlu "ibni".

## Rgħiba għas-saltna

L-aħħar snin ta' ħajtu Sawl għaddiehom f'taqlib intern kbir. Qatt ma seta' jirbaħ dawk il-mumenti tqal u li tant nikktuh u xeħtuh lura. Sa wasal biex imur għand is-saħħara u jitlobha tqajjimlu l-ispirtu ta' Samwel biex jurih x'għandu jagħmel. Dan kollu ġara f'Għajn-dor (1 Sam 28, 7). L-istorja ta' ħajjet Sawl tkompli togħdos 'l isfel meta l-Filistin waslu biex għal xi ħin dendlu il-katavru ta' Sawl mas-swar. Imma Sawl, għalkemm f'dan l-istat, xorta waħda baqa' "il midluk tal Mulej", kliem li juri l bidla interna meta wieħed jiġi midluk biż-żejt imqaddes. Il-mumenti tqal ta' ħajtu però ma tellfuhx mill-merti kbar tiegħu, għaliex kien hu l-ewwel sultan tal-poplu ta' Iżrael. ❑

# TISLIBA 29

minn P. Wistin ATTARD ofm cap



1. u 14. Dawn it-tnejn mietu quddiem il-Mulej. (Num 3, 4) (5-5)
2. Fis-seba' ta' dan ix-xahar. (Tob 2, 12) (6)
3. Dan tar-rebħ. (Ħab 3, 8) (5)
4. Bħall-... ta' għajnejh. (Dt 32, 10) (5)
5. Ħu Aron. (Sir 45, 6) (4)
6. U l-... u l-iltim. (Mal 3, 5) (5)
7. Ta' wara l-kbir. (1 Sam 8, 2) (5)
8. Hekk kien jagħmel mill-qatet. (Neħ 13, 15) (5)
9. Min se jnizzilni fl-.... (Għabd 3) (3)
10. In-nisa mħażżma bih. (Bar 6, 42) (7)
11. u 12. Bl-Urim u b'dan. (Esd 2, 63) (6)
13. Ħa jmorru f'dawn jixtru. (Mt 14,15) (6)
14. Ara 1.
15. Mara żienja. (Ġak 2, 25) (5)
16. Huwa li ... fl-imħabba. (2 Ġw 6) (5)
17. Bagħathom mal-kurriera. (1 Mak 1, 44) (5)
18. Griegi u dawn. (Rum 1, 14) (7)
19. Bronż, ħadid, .... (Apk 18, 12) (4)
20. Ftit u żgħir. (Mk 8, 7) (3)
21. Minnha kellu ħames mija. (Ġob 1, 3) (5)
22. Inwaqqgħek fil-faqar. (Prov 21, 17) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' NOVEMBRU:***

*1. u 11. Qaddisin; 2. Kremżi; 3. Ibħra; 4. Ħorġa; 5. Mosè; 6. Manna; 7. Aħrab; 8. Oħola; 9. Dam; 10. Riġlejn; 11. Ara 1; 12. Żeb; 13. Eliżew; 14. Ħmira; 15. Ġebla; 16. Ġlata; 17. Rajna; 18. Mantell; 19. Neko; 20. Iva; 21. Rakel; 22. Tnejn.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa:**
**Mr. Pasquale Caruana - Paola**

Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1996).

# Il-Ġrajja Vokazzjonali tiegħi

minn *Anthony Fitzpatrick - Post. Cap.*

Ġesù jistenna affarijiet kbar miż-żgħażagħ! Fir-realtà, hu Ġesù, li tkunu qegħdin tfittxu meta toħolmu li tkunu kuntenti; huwa Hu li jissodisfakom; huwa Hu, is-sbuħija li tant tiġbidkom; huwa Hu li jimbuttakom biex twarrbu l-maskri li jagħmlu l-ħajja waħda falza; huwa Hu li jaqra f'qalbkom id-deċiżjonijiet li oħrajn iridu jrażżnu."

"Hija tfittxija... ħolma... stennija li wkoll jien qiegħed nagħmel. U Ġesù huwa dak li qiegħed insib, li qiegħed niskopri. Huwa għalhekk li nista' nagħmel tiegħi dawn il-kliem li bihom il-Papa Ġwanni Pawlu II ipprovoka liż-żewġ miljun żagħżugħ u żagħżugħa fil-velja tal-Ġurnata Mondjali taż-Żgħażagħ f'Ruma f'Awissu tas-sena 2000.

Il-ħajja, b'mod partikolari ż-żgħożija, toffrilna diversi possibiltajiet u esperjenżi... tfittxija kontinwa. Iżda fuq kollox, fid-dawl ta' dan kollu, tippreżentalna wkoll deċiżjonijiet importanti. Il-karriera u diversi aspetti oħra joffruli ċerta sigurtà għall-ħajja.





Twelidt San Ġiljan fl-1976 u, flimkien mal-familja tiegħi, morna noqogħdu l-Pietà meta kelli tmien snin. Wara l-istudji tiegħi dejjem ħlomt li nkompli fil-linja ta' *accountant*. Ħdimt ma' kumpannija ta' awdituri u wara ma' aġenżija li taħdem ma' persuni li jkunu dipendenti minn droga u alkoħol fejn kont l-assistent tal-*Manager* tat-taqsima ta' l-amministrazzjoni. Ġejt mistoqsi minn kumpannija oħra biex naħdem bħala *Manager* tat-taqsima ta' l-amministrazzjoni. Kont sodisfatt immens kemm mal-*manager* li kelli kif ukoll mat-tim li kont immexxi. Kont involut ukoll f'ħafna xogħol volontarju ma' diversi gruppi ta' żgħażagħ; ħaġa li kienet ferm għal qalbi! Kont noħroġ ma' tfajla li kont kuntent ferm magħha!



Iżda l-Mulej baqa' jpoġġili quddiemi aktar possibiltajiet. Kien baqa' aktar x'niskopri u xi nfittex. Il-Mulej ukoll lili qed joffrili l-ħolma tal-kuntentizza u l-ferħ. Ix-xewqa tas-sodisfazzjon u l-ħajja vera. U llum, f'dan iż-żmien ta' tfittxija, nista' ngħid li qiegħed nesperjenża tassew il-kliem tal-Papa. Għalkemm kont preżenti Ruma waqt dan id-diskors qatt ma ħlomt li ser nesperjenzah jien! Iva... fittixt u għadni nfittex, u f'Ġesù qiegħed insib dak li rrid!

Biex tgħaxxaqha, kont aktar minn ċert li mal-Kapuċċini ma mmur qatt. Għalhekk tgħallimt li mal-Mulej qatt m'għandek tgħid "qatt"!

Dejjem laqatni dak li Patri Pedro Aruppe SJ kien jgħid lil żagħżugħ li jħoss is-sejħa:

- Ibqa' d-dar jekk dan il-ħsieb iħawdek jew jinkwetak.
- Tiġix magħna jekk lill-Knisja tħobbha bħala omm tar-rispett iktar milli bħal ommok;
- Tiġix magħna jekk taħseb li b'hekk tkun qed tagħmlilna xi pjaċir.
- Ejja jekk trid taqdi lil Kristu li hu ċ-ċentru ta' ħajtek.
- Ejja jekk spallejk huma wiesgħa u wiesgħa biżżejjed;
- Ejja jekk għandek spirtu miftuħ, moħħ miftuħ biżżejjed u qalb ikbar mid-dinja.
- Ejja jekk taf tiċċajta u kapaċi tidħak ma' l-oħrajn u... kultant anki bik innifsek.

Nawguralek li anke inti tfittex u ssib dak li tassew jagħmlek kuntent fil-ħajja. ❑

***Jekk trid tkun taf aktar dwar il-ħajja u l-ħidma ta' l-Aħwa Kapuċċini, ikkuntattja lil:***
***Fr. Franco Fenech jew Br Dennis Calleja***
***Kunvent tal-Kapuċċini, Kalkara***
***Tel: 21 825 724 / 21 800 612***
***E-Mail: cvk@kemmunet.net.mt***



www.capuchin-vocations.org

# Werrej ġenerali 2002

**EDITORJAL** *minn P. Joe Alessandro OFMCap*


Mal-Papa f'Assisi għall-paċi Jannar p.1
Solidarjetà fit-tbatija Frar p. 3
Naqdef kemm naqdef... Marzu p. 3
Dufett April p. 3
Pentekoste: il-magħmudija tal-Knisja missjunarja Mejju p. 3
L-ewwel tqarbina Ġunju/Lulju p. 3
Imorru l-baħar bla ma nixxarbu Awissu/Settembru p. 3
L-Ambjent: tiegħi u tiegħek Ottubru p. 3
Nibdew u nispiċċaw bil-kbir! Novembru p. 3
Inti stilla!? Diċembru p. 3


**BIBBJA** *minn P. Donat Spiteri OFMCap*


Is-sliem ta' Betlehem Jannar p.4
It-tluq ta' San Pawl minn Malta Frar p. 4
It-tentazzjonijiet ta' Ġesù Marzu p. 4
"Il-Mulej qam tassew!" April p. 4
Oħt il-Madonna Mejju p. 4
Karattru bibliku tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù Ġun./Lul. p. 4
"La ddaħħalniex fit-tiġbrib" Awissu/Settembru p. 4
Il-paċenzja ta' Ġob Ottubru p. 4
Ġona f'żaqq il-ħuta Novembru p. 4
Il-presepju ta' Luqa Diċembru p. 4


**PERSONAĠĠI BIBLIĊI** *minn Mons Lawrenz Sciberras*


Abraham: il-ħabib ta' Alla Jannar p. 22
Iżakk: dak li jidħak Frar p. 22
Ġakobb: ta' wiċċ b'ieħor Marzu p. 22
Ġużeppi: ifisser il-ħolm April p. 22
Mosè: meħlus mill-għarqa Mejju p. 22
Aron: il-profeta tal-poplu Ġunju/Lulju p. 24
Ġożwè: id-dixxiplu komplimentari Awissu/Settembru p. 22
Sansun: bniedem qawwi Ottubru p. 22
Samwel: rinnovatur reliġjuż Novembru p. 22
Saul: bniedem tellief Diċembru p. 26


**TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA** *minn P. William AxiaqOFMCap*


• Għarajjes diżonesti • Żewġ kurrenti perikolużi • It-tħassib żejjed fuq l-affarijiet tal-ħajja Jannar p. 6
• Koppji flimkien f'irżiezet f'Għawdex • Il-gwaj f'ċerti parroċċi
• Tpinġija fuq l-ispallejn Frar p. 6
• *Anthrax* • *Jakuzzi* • *Yihad* Marzu p. 6
• Ċerti tfajliet Russi f'Malta • *Insomnia* u mezzi elettroniċi
• *Mobile* u messaġġi April p. 6
• Ħajjithom fis-sodda • Aljenazzjoni fil-pajjiż u fil-Knisja • Mistoqsijiet bla sugu Mejju p. 6
• Bix-*shorts* fil-knisja • Mafia Maltija • Tifħir fuq il-mezzi tax-xandir Ġunju/Lulju p. 6
• Dixx u qali • Dilettantiżmu mingħajr lant • Tqarbin fuq l-idejn Awissu/Settembru p. 6
• Abbużi sesswali ġodda u orribbli • *Zapping* telematiku
• Slogan ġdid Ottubru p. 6
• Skużi perikolużi • "X'miżżewwġa miżżewwġa!" "X'miżżewweġ miżżewweġ!" • Moralità skond il-qalb Novembru p. 6
• Ċerti valuri fil-periklu • L-Alkoħol fost żgħażagħ żgħar • Solidarjetà mat-tagħlim tal-Knisja Diċembru p. 6


**FRANĠISKANIŻMU: OFS** *minn P. Frans Abela OFMCap*


Faqar li jmantni l-ħajja fraterna (2) Jannar p. 24
Ħniena u maħfra bla limiti (1) Frar p. 24
Ħniena u maħfra bla limiti (2) Marzu p. 24
Niskopru t-talb (1) April p. 24
Niskopru t-talb (2) Mejju p. 24
Familjarità mat-Trinità Qaddisa (1) Ġunju/Lulju p. 26
Familjarità mat-Trinità Qaddisa (2) Awissu/Settembru p. 24
Familjarità mat-Trinità Qaddisa (3) Ottubru p. 26
It-talb tal-profeta (1) Novembru p. 11
It-talb tal-profeta (2) Diċembru p. 14


**FRANĠISKANIŻMU: ŻGĦAŻAGĦ (Gi.Fra.)**


Flimkien naslu - Keith Spiteri Jannar p. 25
Iħobbni, ma jħobbniex, iħobbni... - Shirley Vella Frar p. 25
Bla birra, sagrifiċċju? - Ruth Delia Marzu p. 25
Id-delużjonijiet f'ħajjietna - Marisa Degabriele April p. 25
*Weekend* flimkien - James Mallia Mejju p. 25
Il-mużika: l-hena ta' tant żgħażagħ - Kathleen Spiteri Awis./Sett. p. 25
Għalfejn niġi ċ-Ċentru? - diversi żgħażagħ Ottubru p. 22
Soru Klarissa lil sħabha żgħażagħ - Sr. Claire Agnès Xerri OSC Novembru p. 14
Il-Milied veru - Elaine Abela Diċembru p. 22


**FRANĠISKANIŻMU: SPIRITWALITÀ**


S. Franġisk, Evanġelju ħaj - Br Eric Vella OFMCap Jannar p. 12
Oħla mill-għasel għal ommu - P. Jes. Micallef OFMCap Frar p. 10
Id-dħul tal-vari u l-ħruġ tagħna - Br Hayden Williams OFMCap Marzu p. 14
Gruppi Familji Franġiskani - Mario Spiteri Marzu p. 26
P. Piju: konfessur u penitent - Mary u Joe Mallia April p. 10
P. Piju: offerta li togħġbok - Tessie Scerri OFS Mejju p. 8
S. Injazju minn Santhià - P. Martin Micallef OFMCap Mejju p. 12
Il-Kapuċċin tal-Pjagi: S. P. ta' Pietrelcina - Charles Bugeja Ġun./Lulju p. 13
Gruppi ta' Talb ta' P. Piju - Carmen Caligari Awissu/Settembru p. 8
Gruppi ta' Talb ta' P. Piju - P. Joe Saliba OFMCap Awis./Sett. p. 9
San Franġisk ibus lil-lebbruż - P. John Vella OFMCap Ottubru p.8
Opra b'riżq il-morda - Josephine Caruana Novembru p. 8
P. Pio: bniedem ta' talb u ta' penitenza - Kan. Joe Bonello Diċembru p. 12

## FRANĠISKANIŻMU: KULTURA - *P. Martin Micallef OFMCap*

### *Filatelija Franġiskana*


San Franġisk f'rabta mal-ħlejjaq — Jannar p.14
San Franġisk b'temi differenti — Frar p. 16
San Franġisk f'rabta mas-salib — Marzu p. 16
San Franġisk f'rabta ma' knejjes u monumenti — April p. 16
Santa Klara t'Assisi u nisa oħra Franġiskani — Mejju p. 16
Sant'Antnin ta' Padova — Awissu/Settembru p. 16
Sant'Antnin ta' Padova u knejjes b'rabta miegħu — Ott. p. 16
Santa Elizabetta ta' l-Ungerija — Novembru p. 16
Qaddisin Franġiskani — Diċembru p. 16


## MISSJONI: KENJA


L-għassies - P. Hilary Abela OFMCap — Jannar p. 8
L-ewwel saċerdot Pokomo - P. Joe Alessandro OFMCap — Frar p. 8
Il-mixja bis-salib (1) - P. Hilary Abela OFMCap — Marzu p. 8
Il-mixja bis-salib (2) - P. Hilary Abela OFMCap — April p. 8
Fatti ħelwin fuq il-klarozza tal-linja - Mons. Francis Baldacchino OFMCap — Mejju p. 10
Ħidma flimkien fir-Randan - P. S. Galea OFMCap — Awis./Sett. p. 12
Il-missjunarju - Br John Cassar OFMCap — Ottubru p. 12
Siltiet mill-Messaġġ fil-Ġurnata Missjunarja — Ottubru p. 13
Griżma ta' l-isqof b'differenza - P. J. Alessandro OFMCap — Nov. p. 12


## MISSJONI: AĦBARIJIET MILL-KENJA


Professjoni Sempliċi • Viżta Fraterna • Laqgħa għall-Aħwa • *Adults in the Faith* • *Pan African Capuchin Conference* — Marzu p. 27
Professjoni Perpetwa • Promutur Vokazzjonali • Studju f'Ruma • *Acting Headmaster* f'*Blessed Bakanja Sec. School* • Għalliem fi skola sekondarja • Kapitlu OFS-Kenja — Mejju p. 27
P. Publius Mair OFMCap Gwardjan — Ġunju/Lulju p. 28
Laqgħa tal-Definitur Ġenerali ma' l-Aħwa tal-Viċi Provinċja • Ordinazzjoni ta' Djaknu — Awissu/ Settembru p. 27
Professjoni Perpetwa • Professjoni Temporanja • Novizzi ġodda • Postulanti ġodda • Fr Publius Cassar imfakkar fil-Kenja — Nov. p. 5
Laqgħa ta' l-EACA • Professjoni Perpetwa • Fiż-Żambja — Diċ. p. 10


## MISSJONI: KUBA *minn P. Philip Cutajar OFMCap*


L-itwal lejl f'ħajti — Jannar p. 20
Kuba u l-istorja tagħha: ir-rivoluzzjoni — Frar p. 20
Kuba u l-istorja tagħha: il-waqgħa tas-soċjaliżmu — Mar. p. 20
Messaġġ lill-Komunità "Tiġi Saltnatek" — Marzu p. 21
Kuba u l-istorja tagħha: ġeografija — April p. 20
Turisti Maltin f'Kuba — April p. 21
L-esperjenza ta' l-Għid f'Kuba — Mejju p. 20
Kuba u l-istorja tagħha: klima - popolazzjoni — Ġun./Lul. p. 18
Kuba u l-istorja tagħha: lingwa — Awissu/Sett. p. 19
Parroċċa ġdida għal Fr. Philip f'Kuba — Awissu/ Sett. p. 21
Kuba u l-istorja tagħha: ir-reliġjon f'Kuba (1) — Ottubru p. 20
Suċċess fil-ħanut tal-ħjata f'Kuba — Ottubru p. 21
Kuba u l-istorja tagħha: ir-reliġjon f'Kuba (2) — Novembru p.20
Fest kbira lill-Madonna — Novembru p. 21
Kuba u l-istorja tagħha: santerija — Diċembru p. 20
Il-Proġett Varela (1) — Diċembru p. 21


## MISSJONI: TANZANIJA


Mama Njelekela - P. Silvestru Bonavia OFMCap — Ġun./Lul. p. 8


## JIKTBULNA L-MISSJUNARJI


P. Philip Cutajar OFMCap — Frar p. 21
Mons. Francis Baldacchino OFMCap — Frar p. 26; Ott. p. 24
P. Taddew Schembri OFMCap — Frar p. 26; April p. 9
Br John Cassar OFMCap — Frar p. 26; Awis./Sett. p. 13; Diċ. p. 11
P. Publius Mair OFMCap — Frar p. 26
P. Spiro Galea OFMCap — Frar p. 26
P. Silvestru Bonavia OFMCap — Frar p. 27
P. Hilary Abela OFMCap — Frar p. 27
P. Joe Galea OFMCap — Frar p. 27


## MISSJUNARJI JŻURUNA


Mons. Francis Baldacchino OFMCap • P. George Bezzina OFMCap • P. Philip Cutajar OFMCap • P. Taddew Schembri OFMCap — Ġunju/Lulju p. 28
P. Manwel Barbara OFMCap • P. Hilary Abela OFMCap • P. Silvestru Bonavia OFMCap — Awissu/Settembru p. 13
Mons. Francis Baldacchino OFMCap — Ottubru p. 24


## TWEĠIBA *minn P. William Axiaq OFM*


Abbużata minn missierha — Jannar p. 19
Mingħajr karezzi ma nkampax — Frar p. 14
Relazzjoni ġdida ma' mara oħra — Marzu p. 19
Ridt tarbija akkost ta' kollox — April p. 19
Infexxejt fl-*internet* u fiċ-*chatting* — Mejju p. 19
Ir-raġel tiegħi ħarab ma' mara barranija — Ġunju/Lulju p. 19
Inkwiet minħabba mħatri — Awissu/Settembru p. 19
Inħossni miniex maħbuba minn żewġi — Ottubru p. 19
Ma ħassejt l-ebda ħtija u rimors — Novembru p. 19
Ir-raġel tiegħi sar idejjaqni ma' djuli — Diċembru p. 19


## INTERVISTI *minn Bro. Andrè Azzopardi OFMCap*


Fra Antnin Vella OFMCap — Jannar p. 11
P. Karlu Cardona OFMCap — Marzu p. 12
P. Lwiġi Saliba OFMCap — Ġunju/Lulju p. 12
P. Diegu Theuma OFMCap — Awissu/Settembru p. 11
Mons. Francis Baldacchino OFMCap — Novembru p. 10
P. Remiġ Galea OFMCap — Diċembru p. 12


## NEKROLOĠJI *minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap*


P. Adrian Portelli OFMCap — Jannar p. 10
P. Kerubin Ellul OFMCap — April p. 12
P. George Nyamira Oduol OFMCap — Ottubru p. 10


## OĦTNA L-MEWT IŻŻURNA


P. Kerubin Ellul OFMCap — Marzu p. 29
Mrs. Rita Saliba — Ġunju/Lulju p. 28
Dun Manwel Bonavia — Ottubru p. 24
P. Publius Cassar OFMCap — Novembru p. 24


## AĦBARIJIET KAPUĊĊINI


P. P. Mair lejn il-missjoni għat-tieni darba • P. R. Bonnici lura mill-USA • Br J. Vella jgħin f'Suret il-Bniedem — Jannar p. 27
Anniversarji ta' l-Aħwa Kapuċċini 2001 — Frar p. 27
50 sena mill-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja • Anniversarji ta' l-Aħwa Kapuċċini 2002 • Seminar għall-Aħwa tal-Provinċja • Ishru siegħa waħda miegħi — Marzu p. 28

Laqgħa ta' l-EECC f'Malta • Żewġ qaddisin Kapuċċini ġodda: Injazju minn Santhià u Piju minn Pietrelcina • *Website* tal-kunvent u s-Santwarju f'Għawdex April p. 26
Apprezzament lejn P. Feliċjan Bilocca OFMCap • *Coffee morning* b'riżq il-missjoni April p. 27
Ġurnata Missjunarja • Seminar għall-Provinċja Mejju p. 26
Kapitlu Prov. • Mill-Irlanda (P. J. Calleja) Ġunju/Lulju p. 28
S. Piju minn Pietrelcina mfakkar Awissu/Sett. p. 10
Kapitlu Provinċjali • Jum il-Missjoni • 50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna, Għawdex • Anniversarji • Seminar għall-*Brothers* Awissu/Settembru p. 26
Festa ta' San Franġisk - Floriana Ottubru p. 25
Iż-żjara tall-Ministru Ġenerali f'Malta • Niftakru f'ħutna l-mejtin • Il-pellegrinaġġ bl-inkwatru tal-Madonna tal-Grazzja • Lura mill-Irlanda • Serata f'ġieħ S. Piju ta' Pietrelcina • Beatu Kapuċċin ġdid: Giacinto Longhin Novembru p. 24
Professjoni Perpetwa (Br Eric Vella) • Laqgħa għaċ-*Chaplains.* tal-Pulizija Ngliżi (P. R. Bonnici) • Br Mario Attard - Djaknu • Ħatriet ġodda: P. F. Azzopari; P. A. Briffa • Rikonox-ximent (P. L. Tabone) • Carwash b'riżq il missjoni Diċ. p. 23

## PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA

Kliem il-Ħajja Jannar p. 5; Mejju p. 26
Iż-żwieġ nisrani - P. William Axiaq OFMCap Jannar p. 7
Vokabularju tas-Salmi - P. Donat Spiteri OFMCap April p. 27
Il-Kapuċċin tal-Pjagi (3 Ediz.) - P. Anton Azzopardi OFMCap Mejju p. 9; Ġunju/Lulju p. 20
L-Ittra lil-Lhud - P. Donat Spiteri OFMCap Mejju p. 26
Inqela b'żejtu - Carmel Bianch Mejju p. 27
Maratona ma' Marija - P. William Axiaq OFMCap Awissu/Settembru. p. 7
Devozzjoni lejn il-qaddisin u r-relikwi tagħhom - P. Franġisku Azzopardi OFMCap Nov. p. 25
Franġisku u Piju - Br Andrè Azzopardi OFMCap Nov. p.26
Għal servizz aħjar: tagħrif għall-abbatini - Anthony Galea Diċembru p. 25

## MILL-ITTRI TAL-QARREJJA

Jannar p. 26; Marzu p. 7; April p. 27; Ġunju/Lulju p. 25; Awissu/Settembru p. 5; Ottubru p. 23; Novembru p. 23; Diċembru p. 25

## KITBIET VARJI

X'inhu ekumeniżmu? - Br Mario Attard OFMCap Jan. p. 13
Ġimgħa ta' karità Jannar p. 28
Il-mara żienja - Mons. F. Baldacchino OFMCap. Frar p. 13
Fil-għabex tal-ħajja - Fr. Charles Delia SJ Frar p. 19
Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzon, Sr. Adeodata Pisani u San Ġużepp - Br Manwel Said OFMCap Marzu p. 10
Fuq il-bir ta' Ġakobb - Mons. F. Baldacchino OFMCap Marzu p. 8
F'riġlejn Ġesù l-Ħaruf ta' l-Għid tagħna (1) - Fr. Charles Delia SJ April p. 14
F'riġlejn Ġesù l-Ħaruf ta' l-Għid tagħna (2) - Fr. Charles Delia SJ Mejju p. 13
Intom il-melħ ta' l-art... intom id-dawl tad-dinja - Anthony Pitzpatrick Post. Kap. Ġunju/Lulju p. 10
Temmen fl-Ewkaristija? - Mary Haber OFS Ġun./Lul. p. 27
Safja f'qalbna - Susan Portelli Awissu/Settembru p. 14
X'għandek tagħmel biex iċċempel lill-Mulej Awis./Sett. p. 23
Il-fiduċja tiegħi fik, Mulej - Connie Holland OFS Ottubru p. 5
L-Immakulata Kunċizzjoni - P. Martin Mamo OFMCap Diċembru p. 8
*Miss Universe* - Maria Farrugia Diċembru p. 9

## NOVELLI

L-isbaħ poeta - Jeanette Falzon Jannar p. 29
Samira - Jeanette Falzon Frar p. 28
Tini jdejk - Jeanette Falzon April p. 28
Rajt l-anġlu jibki - Mary Haber OFS Mejju p. 28
Wied ta' stilel - Jeanette Falzon Ġunju/Lulju p. 29
Rajt il-blat jixxaqqaq! - Mary Haber OFS Awis./Sett. p. 28
It-tfal jiġu bil-vapuri (1) - Profs. Oliver Friggieri Ottubru p. 27
It-tfal jiġu bil-vapuri (2) - Profs. Oliver Friggieri Novembru p. 27

## POEŻIJI

Dan l-Isem tal-Mulej - Profs. Oliver Friggieri Jannar p. 30
Jum l-appostlu Pawlu - P. Remiġ Galea OFMCap Frar p. 30
Tiftixa - Geoffrey G. Attard Marzu p. 30
Tini nixrob - Josephine Agius Marzu p. 30
Is-skiet li aħna ngħixu fih - Profs. Oliver Friggieri April p. 30
L-*Ave Maria* - Sr M. Bernardette Aquilina Mejju p. 30
Merħba lil P. Piju - P. Wistin Attard OFMCap Ġun./Lul. p. 15
Mafkar f'ġieħ P. Piju - Anton Haber OFS Ġunju/Lulju p. 16
Lil Patri Piju - Ġorġ Pisani Ġunju/Lulju p. 30
Innu lil P. Piju - P. Remiġ Galea OFMCap Ġunju/Lulju p. 30
Omm it-tama u l-grazzja - P. Remiġ Galea OFMCap Awissu/Settembru p. 30
Quddiem il-Madonna tal-Grazzja - Kan. Dun Nikol V. Apap Awissu/Settembru p. 30
Innu lill-Partijarka San Franġisk - P. Feliċjan Bilocca OFMCap Ottubru p. 30
Bidu u Tmiem - P. Wistin Attard OFMCap Novembru p. 30
Fuq l-oqbra - P. Remiġ Galea OFMCap Novembru p. 30

## VOKAZZJONIJIET *minn Br Dennis Calleja OFMCap*

Dan ġenn jew tal-ġenn? Jannar p. 31
Ħarsa ta' mħabba Frar p. 31
Hawn jien! Marzu p. 31
Is-sejħa għall-qdusija: messaġġ tal-Papa April p. 31
Ħaddiema ta' l-Evanġelju Mejju p. 31
Li tkun Franġiskan Kapuċċin ifisser... Ġunju/Lulju p. 31
*www.capuchin-vocations.org* Awissu/Settembru p. 31
Niġi warajk! Ottubru p. 31
Kienet bħal berqa fil-bnazzi - Br Ivan Scicluna OFMCap Novembru p. 31
Il-ġrajja vokazzjonali tiegħi - Anthony Fitzpatrick Post. Kap. Diċembru p. 28

## ĦAJR LILL-

Parroċċa tal-Floriana Mejju p. 11
Parroċċa tal-Qala Mejju p. 11
*Boys' Junior Lyceum - Ħamrun* Ottubru p. 24
Skejjel li ġabru l-bolol Diċembru p. 11

**Il-Bord Editorjali jawgura**
**L-MILIED IT-TAJJEB**
**lill-qarrejja kollha ta' Dawl Franġiskan.**
**L-istess awguri nagħmluhom, f'isimkom il-qarrejja,**
**lil Ħutna l-Missjunarji Kapuċċini.**



***Jekk tixtieq tgħin liż-żagħżagħ Kapuċċini Kenjani biex isiru saċerdoti u reliġjużi, tista' tagħti Borża ta' Studju.***

*BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistudjaw. Tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.*



## Il-Milied u San Franġisk

**Pakkett ta' 16-il kartolina tal-Milied għall-prezz ta' Lm 1 biss**

Mill-Uffiċċju tal-Missjoni, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana.
Kull dħul imur għall-missjoni tal-Franġiskani Kapuċċini Maltin

- *Nirringrazzjawk li ġeddidt l-abbonament tiegħek fir-rivizta DAWL FRANĠISKAN*
- *Il-Lotterija tal-Milied b'riżq il-missjoni titla' fil-5 ta' Jannar 2003. ĦU SEHEM!*

*Għal aktar tagħrif: Fr. Joe Alessandro, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana Tel: 21233874 / 21225525 / 21234949*